

# Linji Gwida



## **Linji Gwida 05/2020 dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679**

### **Verżjoni 1.1**

**Adottati fl-4 ta' Mejju 2020**

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not been proofread.

## Rekord tal-Verżjonijiet

Verżjoni 1.1	it-13 ta' Mejju 2020	Korrezzjonijiet ta' formattjar
Verżjoni 1.0	l-4 ta' Mejju 2020	Adozzjoni tal-Linji Gwida

## Werrej

0	Prefazju.....	4
1	Introduzzjoni.....	4
2	Il-kunsens fl-Artikolu 4(11) tal-GDPR.....	6
3	Elementi ta' kunsens validu.....	7
3.1	Liberu / mogħti liberament .....	7
3.1.1	Żbilanċ ta' poter .....	8
3.1.2	Kondizzjonalità .....	10
3.1.3	Granularità.....	12
3.1.4	Ħsara.....	13
3.2	Speċifiku .....	14
3.3	Infurmat.....	15
3.3.1	Rekwiżiti minimi tal-kontenut biex il-kunsens ikun “infurmat” .....	15
3.3.2	Kif tiġi pprovduta l-informazzjoni.....	16
3.4	Indikazzjoni mhux ambigwa tax-xewqat .....	18
4	Ksib ta' kunsens espliċitu.....	21
5	Kundizzjonijiet addizzjonali għall-ksib ta' kunsens validu .....	23
5.1	Turija tal-kunsens .....	23
5.2	Rtirar tal-kunsens .....	24
6	Interazzjoni bejn il-kunsens u bażijiet legali oħra fl-Artikolu 6 tal-GDPR.....	26
7	Oqsma speċifiċi ta' tħassib fil-GDPR.....	26
7.1	Tfal (Artikolu 8).....	26
7.1.1	Servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni .....	28
7.1.2	Offrut direttament lil minorenni .....	28
7.1.3	Età.....	28
7.1.4	Il-kunsens tat-tfal u r-responsabbiltà tal-ġenituri .....	29
7.2	Riċerka xjentifika .....	32
7.3	Id-drittijiet tas-suġġett tad- <i>data</i> .....	34
8	Kunsens miksub taħt id-Direttiva 95/46/KE.....	34

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1)(e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”, General Data Protection Regulation),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679, WP259 rev.01,

### ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

## 0 PREFAZJU

Fl-10 ta' April 2018, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 adotta l-Linji Gwida tiegħu dwar il-kunsens skont ir-Regolament 2016/679 (WP259.01), li ġew approvati mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem “EDPB”) fl-ewwel laqgħa Plenarja tiegħu. Dan id-dokument huwa verżjoni kemxejn aġġornata ta' dawk il-Linji Gwida. Jenħtieġ li kwalunkwe referenza għal-Linji Gwida WP.29 dwar il-kunsens (WP259 rev.01) minn issa 'l quddiem tiġi interpretata bħala referenza għal dawn il-linji gwida.

L-EDPB innota li kien hemm ħtieġa għal aktar kjarifiki, speċifikament rigward żewġ mistoqsijiet:

- 1 Il-validità tal-kunsens ipprovdut mis-suġġett tad-*data* meta jinteraġixxi mal-hekk imsejħa “cookie walls”;
- 2 L-eżempju 16 dwar l-iskroll u l-kunsens.

Il-paragrafi li jikkonċernaw dawn iż-żewġ kwistjonijiet ġew riveduti u aġġornati, filwaqt li l-bqija tad-dokument ma nbidilx, ħlief għal bidliet editorjali. Ir-reviżjoni tikkonċerna, b'mod aktar speċifiku:

- ) It-taqsimha dwar il-Kondizzjonalità (paragrafi 38 - 41).
- ) It-taqsimha dwar Indikazzjoni mhux ambigwa tax-xewqat (paragrafu 86).

## 1 INTRODUZZJONI

1. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu analiżi approfondita tal-kunċett ta' kunsens fir-Regolament 2016/679, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem: il-GDPR). Il-kunċett ta'

---

<sup>1</sup>Ir-referenzi għal “Stati Membri” li saru f'dan id-dokument jenħtieġ li jinftiehem bħala referenzi għal “Stati Membri taż-ŻEE”.

kunsens kif użat fid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (minn hawn 'il quddiem: Id-Direttiva 95/46/KE) u fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika sal-lum, evolva. Il-GDPR jipprovdi kjarifika u speċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti għall-ksib u t-turija ta' kunsens validu. Dawn il-Linji Gwida jiffukaw fuq dawn il-bidliet, jipprovdu gwida Prattika biex tiġi żgurata l-konformità mal-GDPR, u jkomplu jibnu fuq l-Opinjoni 15/2011 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunsens. L-obbligu huwa fuq il-kontrolluri biex isibu soluzzjonijiet innovattivi li joperaw fi ħdan il-parametri tal-liġi u li jappoġġjaw aħjar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-interessi tas-suġġetti tad-*data*.

2. Il-kunsens jibqa' wieħed minn sitt bażijiet legali għall-ipproċessar tad-*data* personali, kif elenkati fl-Artikolu 6 tal-GDPR.<sup>2</sup> Meta kontrollur jibda attivitajiet li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* personali, huwa dejjem irid jieħu ftit ħin biex iqis xi tkun il-bażi legali xierqa għall-ipproċessar previst.
3. Ġeneralment, il-kunsens jista' jkun bażi legali xieraq biss jekk is-suġġett tad-*data* jingħata kontroll u jingħata għażla ġenwina fir-rigward tal-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tat-termini offruti, u jkun jista' jirrifjutahom mingħajr detriment. Meta kontrollur jitlob il-kunsens, huwa għandu d-dmir li jivvaluta jekk dan ikunx jissodisfa l-kriterji kollha biex jinkiseb kunsens validu. Jekk jinkiseb f'konformità sħiħa mal-GDPR, il-kunsens huwa għodda li tagħti lis-suġġetti tad-*data* kontroll fuq jekk id-*data* personali li tikkonċernahom tkunx se tiġi pproċessata. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-kontroll tas-suġġett tad-*data* isir illużjoni u l-kunsens ma jkunx bażi valida għall-ipproċessar, li jagħmel l-attività tal-ipproċessar illegali.<sup>3</sup>
4. L-Opinjoni eżistenti dwar il-kunsens<sup>4</sup> tal-Grupp ta' Ħidma (WP.29) tal-Artikolu 29 jibqgħu rilevanti, fejn huma konsistenti mal-qafas legali l-ġdid, billi l-GDPR jikkodifika l-gwida u l-prattika tajba eżistenti tal-WP.29 u l-biċċa l-kbira mill-elementi ewlenin tal-kunsens jibqgħu l-istess taħt il-GDPR. Għalhekk, f'dan id-dokument, l-EDPB jespandi fuq u jikkompleta Opinjonijiet preċedenti tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar suġġetti speċifiċi li jinkludu referenza għall-kunsens skont id-Direttiva 95/46/KE, minflok jissostitwihom.
5. Kif iddikjarat mill-WP.29 fl-Opinjoni 15/2011 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunsens, meta n-nies jiġu mistiedna jaċċettaw operazzjoni ta' pproċessar tad-*data*, dan għandu jkun suġġett għal rekwiżiti rigorużi billi jikkonċerna d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*, u l-kontrollur ikun jixtieq iwettaq operazzjoni ta' pproċessar li tkun illegali mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-*data*.<sup>5</sup> Ir-rwol kruċjali tal-kunsens huwa enfasizzat mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-ksib tal-kunsens lanqas ma jinneġa jew b'xi mod inaqqas l-obbligi tal-kontrollur li josserva l-prinċipji tal-ipproċessar minquxa fil-GDPR, speċjalment l-Artikolu 5 tal-GDPR fir-rigward tal-ġustizzja, in-neċessità u l-proporzjonalità, kif ukoll il-kwalità tad-*data*. Anke jekk l-ipproċessar tad-*data* personali ikun ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-*data*, dan ma jagħmilx

---

<sup>2</sup>L-Artikolu 9 tal-GDPR jipprovdi lista ta' eżenzjonijiet possibbli għall-projbizzjoni fuq l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*. Waħda mill-eżenzjonijiet elenkata hija s-sitwazzjoni fejn is-suġġett tad-*data* jagħti l-kunsens espliċitu tiegħu għall-użu ta' din id-*data*.

<sup>3</sup>Ara wkoll l-Opinjoni 15/2011 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), pp. 6-8, u/jew l-Opinjoni 6/2014 dwar il-kunċett ta' interessi leġittimi tal-kontrollur tad-*data* skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE (WP 217), pp. 9, 10, 13 u 14.

<sup>4</sup> L-aktar notevolment, l-Opinjoni 15/2011 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187).

<sup>5</sup>L-Opinjoni 15/2011, il-paġna dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), p. 8.

leġittimu l-ġbir ta' *data* li ma jkunx neċessarju b'relazzjoni ma' fini speċifiku ta' pproċessar u li jkun fundamentament inġust.<sup>6</sup>

6. Sadanittant, l-EDPB huwa konxju mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (2002/58/KE). Il-kunċett tal-kunsens fl-abbozz tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika għadu marbut mal-kunċett tal-kunsens fil-GDPR.<sup>7</sup> Xi organizzazzjonijiet x'aktarx li jkunu jeħtieġu l-kunsens taħt l-istrument dwar il-privatezza elettronika għall-biċċa l-kbira mill-messaġġi ta' kummerċjalizzazzjoni online jew it-telefonati ta' kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll għall-metodi ta' traċċar online inkluż bl-użu ta' cookies, applikazzjonijiet u softwer ieħor. L-EDPB diġà pprova rakkomandazzjonijiet u gwida lil-leġiżlatur Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament dwar il-Privatezza Elettronika.<sup>8</sup>
7. Fir-rigward tad-Direttiva eżistenti dwar il-Privatezza Elettronika, l-EDPB josserva li r-referenzi għad-Direttiva 95/46/KE mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-GDPR.<sup>9</sup> Dan japplika wkoll għal referenzi għall-kunsens fid-Direttiva 2002/58/KE attwali, billi r-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika se jkun (għadu) mhuwiex fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018. Skont l-Artikolu 95 tal-GDPR, ma għandhomx jiġu imposti obbligi addizzjonali dwar l-ipproċessar b'rabta mal-provvediment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku fin-netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni, sa fejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika timponi obbligi speċifiċi bl-istess objettiv. L-EDPB josserva li r-rekwiżiti għall-kunsens taħt il-GDPR ma jitqisux bħala "obbligu addizzjonali", iżda minflok bħala prekondizzjonijiet għall-ipproċessar legali. Għalhekk, il-kundizzjonijiet tal-GDPR għall-ksib ta' kunsens validu huma applikabbli f'sitwazzjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

## 2 IL-KUNSENS FL-ARTIKOLU 4(11) TAL-GDPR

8. L-Artikolu 4(11) tal-GDPR jiddefinixxi l-kunsens bħala: *"kwalunkwe indikazzjoni tax-xewqat tas-suġġett tad-data mogħtija b'mod liberu, speċifika, infurmata u mhux ambigwa li permezz tagħha s-suġġett tad-data, permezz ta' dikjarazzjoni jew permezz ta' azzjoni affermattiva ċara, juri li jaqbel mal-ipproċessar ta' data personali relatata miegħu."*
9. Il-kunċett bażiku tal-kunsens għadu simili għal dak skont id-Direttiva 95/46/KE, u l-kunsens huwa wieħed mill-bażijiet legali li fuqhom irid ikun ibbażat l-ipproċessar tad-*data* personali, skont l-Artikolu 6 tal-GDPR.<sup>10</sup> Minbarra d-definizzjoni emendata fl-Artikolu 4(11), il-GDPR jipprovdi gwida addizzjonali fl-

---

<sup>6</sup>Ara wkoll l-Opinjoni 15/2011 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), u l-Artikolu 5 tal-GDPR.

<sup>7</sup>Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament propost dwar il-Privatezza Elettronika, japplikaw id-definizzjoni ta' u l-kundizzjonijiet għall-kunsens previsti fl-Artikoli 4(11) u fl-Artikolu 7 tal-GDPR.

<sup>8</sup> Ara [d-dikjarazzjoni tal-EDPB dwar il-Privatezza Elettronika - 25/05/2018](#) u [d-Dikjarazzjoni tal-EDPB 3/2019 dwar Regolament dwar il-Privatezza Elettronika](#).

<sup>9</sup>Ara l-Artikolu 94 tal-GDPR.

<sup>10</sup> Id-Direttiva 95/46/KE ddefiniet il-kunsens bħala *"indikazzjoni speċifika u infurmata tax-xewqa tiegħu mogħtija liberament li biha s-suġġett tad-data jaqbel li jsir l-ipproċessar ta' data personali dwaru"* u li *"jkun ta l-kunsens tiegħu b'mod ċar"* sabiex l-ipproċessar tad-*data* personali jkun leġittimu (l-Artikolu 7(a) tad-Direttiva 95/46/KE)). Ara l-Opinjoni 15/2011 tal-WP.29 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187) għal xi eżempji dwar l-adekwatezza tal-kunsens bħala bażi legali. F'din l-Opinjoni, WP.29 ipprova gwida biex issir distinzjoni bejn meta l-kunsens

Artikolu 7 u fil-premessi 32, 33, 42, u 43 dwar kif il-kontrollur għandu jaġixxi biex jikkonforma mal-elementi prinċipali tar-rekwiżit għall-kunsens.

10. Fl-aħħar nett, l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet u premessi speċifiċi dwar l-irtirar tal-kunsens tikkonferma li l-kunsens għandu jkun deċiżjoni riversibbli u li jkun għad hemm grad ta' kontroll min-naħa tas-suġġett tad-*data*.

### 3 ELEMENTI TA' KUNSENS VALIDU

11. L-Artikolu 4(11) tal-GDPR jistipula li l-kunsens tas-suġġett tad-*data* jfisser li kwalunkwe:
  - ) indikazzjoni tax-xewqat tas-suġġett tad-*data* mogħtija b'mod liberu,
  - ) speċifika,
  - ) infurmata u
  - ) mhux ambigwa li permezz tagħha s-suġġett tad-*data*, permezz ta' dikjarazzjoni jew permezz ta' azzjoni affermattiva ċara, juri li jaqbel mal-ipproċessar ta' *data* personali relatata miegħu.
12. Fit-taqsimiet hawn taħt jiġi analizzat sa liema punt il-formulazzjoni tal-Artikolu 4(11) teħtieġ li l-kontrolluri jibdlu t-talbiet/il-formoli tagħhom għall-kunsens, sabiex tiġi żgurata konformità mal-GDPR.<sup>11</sup>

#### 3.1 Liberu / mogħti liberament<sup>12</sup>

13. L-element "liberu" jimplika għażla u kontroll reali għas-suġġetti tad-*data*. Bħala regola ġenerali, il-GDPR jippreskrivi li jekk is-suġġett tad-*data* ma jkollux għażla reali, jekk iħossu obbligat li jaġħti l-kunsens jew jekk ikollu jgħarrab konsegwenzi negattivi jekk ma jaġħtix il-kunsens, allura l-kunsens ma jkunx validu.<sup>13</sup> Jekk il-kunsens ikun jifforma parti mhux negozjabbli mill-pakkett ta' termini u kundizzjonijiet, huwa preżunt li dan ma jkunx ingħata liberament. Għalhekk, il-kunsens ma jistax jitqies bħala liberu jekk is-

---

ikun bażi legali xierqa, meta l-baży ta' interess leġittimu (forsi bl-opportunità ta' esklużjoni fakultattiva) jkun biżżejjed, jew meta tkun irrakkomandata relazzjoni kuntrattwali. Ara wkoll l-Opinjoni 6/2014 tal-WP.29, il-paragrafu III.1.2, p. 14 u aktar. Il-kunsens espliċitu huwa wkoll wieħed mill-eżenzjonijiet għall-projbizzjoni fuq l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*: Ara l-Artikolu 9 tal-GDPR.

<sup>11</sup>Għal gwida rigward attivitajiet tal-ipproċessar kontinwi bbażati fuq il-kunsens fid-Direttiva 95/46, ara l-Kapitolu 7 ta' dan id-dokument u l-premessa 171 tal-GDPR.

<sup>12</sup>F'bosta opinjonijiet, il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 esplora l-limiti tal-kunsens f'sitwazzjonijiet fejn din ma tistax tingħata liberament. Notevolment, dan kien il-każ fl-Opinjoni 15/2011 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), id-Dokument ta' Ħidma dwar l-ipproċessar tad-*data* personali relatata mas-saħħa fir-reġistri elettroniċi tas-saħħa (WP 131), l-Opinjoni 8/2001 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-kuntest tal-impjeg (WP48), u t-Tieni Opinijoni 4/2009 dwar l-ipproċessar tad-*data* mill-Aġenzija Dinjija Kontra d-Doping (WADA) (Standard Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Privatezza u l-Infurmazzjoni Personali, dwar id-dispożizzjonijiet relatati tal-Kodiċi ta' WADA u dwar kwistjonijiet oħra relatati mal-privatezza fil-kuntest tal-ġlieda kontra d-doping fl-isport mill-WADA u minn organizzazzjonijiet (nazzjonali) kontra d-doping (WP 162).

<sup>13</sup>Ara l-Opinjoni 15/2011 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP187), p. 12.

suġġett tad-*data* ma jkunx jista' jirrifjuta jew jirtira l-kunsens tiegħu mingħajr detriment.<sup>14</sup> Il-kunċett ta' żbilanċ bejn il-kontrollur u s-suġġett tad-*data* ttieħed inkonsiderazzjoni wkoll mill-GDPR.

14. Meta jiġi vvalutat jekk il-kunsens ingħatax liberament, wieħed għandu jieħu inkonsiderazzjoni wkoll is-sitwazzjoni speċifika fejn il-kunsens jintrabat ma' kuntratt jew mal-forniment ta' servizz, kif deskritt fl-Artikolu 7(4). L-Artikolu 7(4) ġie abbozzat b'mod mhux eżawrjenti bil-kliem "*inter alia*", li jfisser li jista' jkun hemm firxa ta' sitwazzjonijiet oħra li huma koperti b'din id-dispożizzjoni. F'termini ġenerali, kwalunkwe element ta' pressjoni jew influwenza mhux xierqa fuq is-suġġett tad-*data* (li tista' sseħħ b'diversi modi) li tipprevjeni suġġett tad-*data* milli jeżerċita r-rieda libera tiegħu trendi l-kunsens invalidu.

15. **Eżempju 1:** Applikazzjoni ta' editjar tar-ritratti għall-apparati mobbli titlob lill-utenti tagħha biex jattivaw il-lokalizzazzjoni bil-GPS biex jużaw is-servizzi tagħha. L-applikazzjoni tgħid lill-utenti tagħha wkoll li se tuża d-*data* miġbura għal fini ta' reklamar li jagħraf l-imġiba. La l-ġeolokalizzazzjoni u lanqas ir-reklamar online li jagħraf l-imġiba mhuma neċessarji għall-forniment tas-servizz ta' editjar tar-ritratti, u jmorru lil hinn mit-twassil tas-servizz ewlieni pprovdut. Billi l-utenti ma jistgħux jużaw l-applikazzjoni mingħajr ma jagħtu l-kunsens tagħhom għal dawn il-fini, il-kunsens ma jstax jitqies bħala li ngħata liberament.

### 3.1.1 Żbilanċ ta' poter

16. Il-Premessa 43<sup>15</sup> tindika b'mod ċar li mhuwiex probabbli li l-**awtoritajiet pubbliċi** jistgħu joqgħodu fuq il-kunsens għall-ipproċessar, billi kull meta l-kontrollur ikun awtorità pubblika, spiss ikun hemm żbilanċ ċar ta' poter fir-relazzjoni bejn il-kontrollur u s-suġġett tad-*data*. Huwa ċar ukoll li fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, is-suġġett tad-*data* ma jkollu ebda alternattiva realistika għal li jaċċetta t-(termini) tal-ipproċessar ta' dan il-kontrollur. L-EDPB iqis li hemm bażijiet legali oħra li, fil-prinċipju, huma aktar xierqa għall-attività tal-awtoritajiet pubbliċi.<sup>16</sup>
17. Mingħajr preġudizzju għal dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali, l-użu tal-kunsens bħala bażi legali għall-ipproċessar tad-*data* mill-awtoritajiet pubbliċi mhuwiex eskluż kompletament taħt il-qafas legali tal-GDPR. L-eżempji li ġejjin juru li l-użu tal-kunsens jista' jkun xieraq f'ċerti ċirkostanzi.

18. **Eżempju 2:** Muniċipalitè lokali qed tippjana xogħlijiet ta' manutenzjoni tat-toroq. Billi x-xogħlijiet fit-toroq jistgħu jfixklu t-traffiku għal żmien twil, il-muniċipalitè toffri liċ-ċittadini tagħha l-opportunità li jabbonaw lilhom infushom għal lista ta' emails biex jirċievu aġġornamenti dwar il-progress tax-xogħlijiet u dwar id-dewmien mistenni. Il-muniċipalitè tagħmilha ċara li ma hemm ebda obbligu ta' parteċipazzjoni u titlob il-kunsens biex tuża l-indirizzi tal-email għal dan il-għan (esklużiv). Liċ-ċittadini li ma jagħtux il-kunsens mhumiex se jiġu esklużi minn xi servizz ewlieni tal-muniċipalitè jew mill-eżerċitar ta' xi dritt, u allura huma jkunu jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom jew jirrifjutaw l-użu ta' din id-*data* b'mod liberu. L-informazzjoni kollha dwar ix-xogħlijiet fit-toroq se tkun disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-muniċipalitè.

<sup>14</sup>Ara l-Premessi 42, 43 tal-GDPR u l-Opinjoni 15/2011 tal-WP.29 dwar id-definizzjoni tal-kunsens, adottata fit-13 ta' Lulju 2011, (WP 187), p. 12.

<sup>15</sup> Il-Premessa 43 tal-GDPR tiddikjara: *Sabiex jiġi żgurat l-għoti ta' kunsens b'mod liberu, il-kunsens ma għandux jipprovi raġuni legali valida għall-ipproċessar ta' data personali f'każ speċifiku fejn ikun hemm żbilanċ ċar bejn is-suġġett tad-*data* u l-kontrollur, b'mod partikolari fejn il-kontrollur huwa awtorità pubblika u għalhekk ikun improbabbli li l-kunsens ingħata liberament fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dik is-sitwazzjoni speċifika. (...)*

<sup>16</sup> Ara l-Artikolu 6 tal-GDPR, b'mod partikolari l-paragrafi (1c) u (1e).



19. Eżempju 3: Individwu li jippossjedi xi art jeħtieġ ċerti permessi kemm mill-muniċipalit lokali tiegħu kif ukoll mill-gvern provinċjali li l-muniċipalit taqa' taħtu. Iż-żewġ korpi pubbliċi jeħtieġu l-istess informazzjoni biex joħorġu l-permess, iżda mhumiex jaċċessaw il-bażijiet ta' *data* ta' xulxin. Għalhekk, it-tnejn li huma jitolbu l-istess informazzjoni u sid l-art jibgħat id-dettalji tiegħu liż-żewġ korpi pubbliċi. Il-muniċipalit u l-awtorit provinċjali jitolbuh għall-kunsens biex jiġbru l-fajls flimkien, biex jevitaw proċeduri u korrispondenza doppja. Iż-żewġ korpi pubbliċi jiżguraw li dan ikun fakultattiv u li t-talbiet għall-permess xorta waħda jiġu pproċessati separatament jekk dan jiddeċiedi li ma jagħtix il-kunsens tiegħu għall-ġbir flimkien tad-*data* tiegħu. Sid l-art jista' jagħti l-kunsens liberu tiegħu lill-awtoritajiet għall-fini li l-fajls jinġabru flimkien.

20. Eżempju 4: Skola pubblika titlob lill-istudenti tagħha għall-kunsens biex tuża r-ritratti tagħhom f'rivista stampata għall-istudenti. F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-kunsens ikun għażla ġenwina dment li l-istudenti ma jiġux imċaħħda edukazzjoni u servizzi u dment li jistgħu jirrifjutaw l-użu ta' dawn ir-ritratti mingħajr detriment.<sup>17</sup>

21. Żbilanċ ta' poter jista' jseħħ ukoll fil-kuntest tal-**impjeg**.<sup>18</sup> Minħabba d-dipendenza li tirriżulta mir-relazzjoni impjegat/impjegatur, mhuwiex probabbli li s-suġġett tad-*data* jkun jista' jiċċad lill-impjegatur il-kunsens tiegħu għall-ipproċessar tad-*data* mingħajr ma jesperjenza l-biża' jew ir-riskju reali ta' effetti detrimental b'riżultat tar-rifjut. Mhuwiex probabbli li impjegat ikun jista' jwieġeb liberament għal talba għall-kunsens mill-impjegatur tiegħu, pereżempju biex jiġu attivati sistemi ta' monitoraġġ bħal osservazzjoni b'kamas fuq il-post tax-xogħol jew biex jimtlew formoli ta' valutazzjoni, mingħajr ma jħoss il-perssioni biex jagħti l-kunsens.<sup>19</sup> Għalhekk, l-EDPB iqis li hija problematika li l-impjegaturi jipproċessaw id-*data* personali ta' impjegati attwali jew fil-ġejjieni, abbażi tal-fatt li mhuwiex probabbli li l-kunsens jingħata liberament. Għall-biċċa l-kbira minn dan l-ipproċessar tad-*data* fuq ix-xogħol, il-bażi legali ma tistax u ma għandhiex tkun il-kunsens tal-impjegati (l-Artikolu 6(1)(a)) minħabba n-natura tar-relazzjoni bejn l-impjegat u l-impjegatur.<sup>20</sup>
22. Madankollu, dan ma jfissirx li l-impjegaturi qatt ma jistgħu joqgħodu fuq il-kunsens bħala bażi legali għall-ipproċessar. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn ikun possibbli li l-impjegatur juri li l-kunsens ikun fil-Fatt ingħata liberament. Minħabba l-iżbilanċ ta' poter bejn l-impjegatur u l-membri tal-persunal tiegħu, l-impjegati jistgħu jagħtu l-kunsens liberu tagħhom biss f'każijiet eċċezzjonali, meta dan ma jkollu ebda konsegwenza avversa irrispettivament minn jekk jagħtux il-kunsens.<sup>21</sup>

---

<sup>17</sup>Għall-fini ta' dan l-eżempju, skola pubblika tfisser skola ffinanzjata minn fondi pubbliċi jew kwalunkwe faċilit edukattiva li tikkwalifika bħala awtorit pubblika jew korp pubbliku skont il-liġi nazzjonali.

<sup>18</sup>Ara wkoll l-Artikolu 88 tal-GDPR, fejn tiġi enfasizzata l-ħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi speċifiċi tal-impjegati u tinħoloq il-possibbilt għal-derogi fl-Istati Membri. Ara wkoll il-Premessa 155.

<sup>19</sup>Ara l-Opinjoni 15/2011 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), pp. 12-14, l-Opinjoni 8/2001 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-kuntest tal-impjeg (WP 48), il-Kapitolu 10, id-Dokument ta' ħidma dwar is-sorveljanza tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fuq il-post tax-xogħol (WP 55), il-paragrafu 4.2 u l-Opinjoni 2/2017 dwar l-ipproċessar tad-*data* fuq ix-xogħol (WP 249), il-paragrafu 6.2.

<sup>20</sup>Ara l-Opinjoni 2/2017 dwar l-ipproċessar tad-*data* fuq ix-xogħol, il-paġni 6-7.

<sup>21</sup>Ara wkoll l-Opinjoni 2/2017 dwar l-ipproċessar tad-*data* fuq ix-xogħol (WP 249), il-paragrafu 6.2.

23. Eżempju 5: Tim ta' film ikun se jiffilmja f'ċertu parti ta' uffiċċju. L-impjegatur jitlob lill-impjegati kollha li jinsabu f'dik il-parti biex jagħtu l-kunsens tagħhom biex jiġu f'filmjati, billi jistgħu jiġu jidhru fl-isfond tal-vidjo. Dawk li ma jridux jiġu f'filmjati ma jiġux ippenalizzati b'xi mod iżda minflok jingħataw imwejjed ekwivalenti xi mkien ieħor fil-bini għad-durata tal-iffilmjar.

24. L-iżbilanċi ta' poter mhumiex limitati għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-impjegaturi; dawn jistgħu jseħħu wkoll f'sitwazzjonijiet oħra. Kif enfasizzat mill-WP.29 f'bosta Opinjonijiet, il-kunsens jista' jkun validu biss jekk is-suġġett tad-*data* jkun jista' jeżerċita għażla reali, u jekk ma jkunx hemm ir-riskju ta' tqarriq, intimidazzjoni, koerċizzjoni jew konsegwenzi negattivi sinifikanti (eż. spejjeż żejda sostanzjali) jekk huwa ma jagħtix il-kunsens. Il-kunsens ma jkunx liberu f'każijiet fejn ikun hemm xi element ta' konstrinġiment, pressjoni jew inabbiltà li tiġi eżerċitata r-rieda libera.

### 3.1.2 Kondizzjonalità

25. Biex jiġi vvalutat jekk il-kunsens ikunx ingħata liberament, l-Artikolu 7(4) tal-GDPR għandu rwol importanti.<sup>22</sup>

26. L-Artikolu 7(4) tal-GDPR jindika li, fost l-oħrajn, jekk il-kunsens ikun jiffirma parti mill-aċċettazzjoni tat-termini jew il-kundizzjonijiet, jew jekk il-forniment ta' kuntratt jew ta' servizz ikunu marbuta ma' talba għall-kunsens għall-ipproċessar tad-*data* li ma tkunx meħtieġa għat-twettiq ta' dak il-kuntratt jew servizz, dan jitqies bħala verament mhux mixtieq. Jekk il-kunsens jingħata f'din is-sitwazzjoni, ikun preżunt li dan ma ngħatax liberament (il-premessa 43). L-Artikolu 7(4) ifittex li jiżgura li il-fini tal-ipproċessar tad-*data* personali ma jkunx moħbi jew jiffirma parti mill-forniment ta' kuntratt jew ta' servizz li għalih din id-*data* personali ma tkunx meħtieġa. Billi jagħmel dan, il-GDPR jiżgura li l-ipproċessar tad-*data* personali li għalih ikun mitlub il-kunsens ma jstax isir, direttament jew indirettament, l-eżekuzzjoni korrispettiva ta' kuntratt. Iż-żewġ bażijiet legali għall-ipproċessar legali tad-*data* personali, jiġifieri l-kunsens u l-kuntratt, ma jistgħux jitwaħħdu u jridu jibqgħu ċari.

27. Il-konstrinġiment biex wieħed jaqbel mal-użu ta' aktar *data* personali minn dak li huwa strettament meħtieġ jillimita l-għażliet tas-suġġett tad-*data* u ma jippermettix il-kunsens liberu. Billi l-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* għandha l-għan li tiproteġi d-drittijiet fundamentali, il-kontroll ta' individwu fuq id-*data* personali tiegħu hija essenzjali, u hemm preżunzjoni qawwija li l-kunsens għall-ipproċessar tad-*data* li mhuwiex meħtieġ ma jstax jitqies bħala kunsiderazzjoni obbligatorja bi skambju għat-twettiq ta' kuntratt jew għall-forniment ta' servizz.

28. Għalhekk, kull meta kontrollur jorbot talba għall-kunsens mat-twettiq ta' kuntratt, suġġett tad-*data* li ma jkunx jixtieq jagħmel id-*data* personali tiegħu disponibbli għall-ipproċessar mill-kontrollur jiffaċċja r-riskju li jiġi rifjutat is-servizzi li jkun talab.

29. Biex jiġi vvalutat jekk hemmx sitwazzjoni ta' ġbir flimkien jew ta' rbit, huwa importanti li jiġi ddeterminat x'inhu l-ambitu tal-kuntratt u x'*data* tkun neċessarja għat-twettiq ta' dak il-kuntratt.

---

<sup>22</sup> L-Artikolu 7(4) tal-GDPR: "*Meta jiġi vvalutat jekk il-kunsens ikunx ingħata b'mod liberu, għandu jittieħed kont sħiħ tal-fatt jekk, inter alia, l-eżekuzzjoni ta' kuntratt, inkluż il-provvista ta' servizz, tkunx kondizzjonata fuq il-kunsens għall-ipproċessar ta' data personali li ma jkunx meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt.*" Ara wkoll il-Premessa 43 tal-GDPR, li tiddikjara: "*[...] Il-kunsens huwa preżunt li mhux mogħti b'mod liberu jekk ma jippermettix li jingħata kunsens separat għal operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali differenti minkejja li jkun xieraq fil-każ partikolari, jew jekk it-twettiq ta' kuntratt, inkluż il-provvediment ta' servizz, ikun jiddependi mill-kunsens minkejja li tali kunsens ma jkunx meħtieġ għal tali twettiq.*"

30. Skont l-Opinjoni 6/2014 tal-WP.29, it-terminu “meħtieġa għat-twettiq ta’ kuntratt” irid jiġi interpretat strettament. L-ipproċessar irid ikun neċessarju biex jissodisfa l-kuntratt ma’ kull suġġett tad-*data* individwali. Pereżempju, dan jista’ jinkludi l-ipproċessar tal-indirizz tas-suġġett tad-*data* sabiex oġġetti mixtrija online ikunu jistgħu jitwasslu, jew l-ipproċessar tad-dettalji tal-karta tal-kreditu sabiex jiġi ffaċilitat pagament. Pereżempju, fil-kuntest tal-impjeg, dan il-bażi jista’ jippermetti l-ipproċessar ta’ informazzjoni dwar is-salarju u tad-dettalji tal-kont tal-bank, sabiex ikunu jistgħu jitħallsu l-pagi.<sup>23</sup> Jeħtieġ li jkun hemm rabta diretta u oġġettiva bejn l-ipproċessar tad-*data* u il-fini tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt.
31. Jekk kontrollur ifittex li jipproċessa *data* personali li fil-fatt tkun neċessarja għat-twettiq ta’ kuntratt, allura l-kunsens ma jkunx il-bażi legali xierqa.<sup>24</sup>
32. L-Artikolu 7(4) huwa rilevanti biss fejn id-*data* mitluba **mhijiex** meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt (inkluż il-forniment ta’ servizz), u t-twettiq ta’ dak il-kuntratt isir kondizzjonali fuq il-ksib ta’ din id-*data* abbażi tal-kunsens. Għall-kuntrarju, jekk l-ipproċessar **ikun** neċessarju għat-twettiq tal-kuntratt (inkluż biex jingħata servizz), allura l-Artikolu 7(4) ma japplikax.
33. Eżempju 6: Bank jitlob lill-klijenti għall-kunsens biex jippermetti lill-partijiet terzi jużaw id-dettalji tal-pagament għal fini ta’ kummerċjalizzazzjoni diretta. Din l-attività tal-ipproċessar mhijiex neċessarja għat-twettiq tal-kuntratt mal-klijent u għat-twassil ta’ servizzi ordinarji tal-kont tal-bank. Jekk ir-rifjut tal-klijent biex jagħti l-kunsens għal dan l-ipproċessar ikun iwassal għat-tiċħid ta’ servizzi bankarji, għall-għeluq tal-kont tal-bank jew, skont il-każ, għal żieda fit-tariffa, il-kunsens ma’ jistax jingħata liberament.
34. L-għażla tal-leġiżlatur li, fost l-oħrajn, jenfasizza l-kundizzjonalità bħala preżunzjoni tan-nuqqas ta’ libertà għall-kunsens turi li l-okkorrenza tal-kundizzjonalità trid tiġi skrutinizata b’attenzjoni. It-terminu “kont sħiħ” fl-Artikolu 7(4) jissuġġerixxi li hija meħtieġa attenzjoni speċjali mill-kontrollur meta kuntratt (li jista’ jinkludi l-forniment ta’ servizz) ikollu marbuta miegħu talba għall-kunsens biex tiġi pproċessata *data* personali.
35. Billi l-formulazzjoni tal-Artikolu 7(4) mhijiex imfassla b’mod assolut, jista’ jkun hemm spazju limitat ħafna għal każijiet fejn din il-kundizzjonalità ma tkunx trendi l-kunsens invalidu. Madankollu, il-kelma “preżunt” fil-Premessa 43 tindika b’mod ċar li dawn il-każijiet ikunu eċċezzjonali ħafna.
36. Fi kwalunkwe każ, l-oneru tal-provi fl-Artikolu 7(4) huwa fuq il-kontrollur.<sup>25</sup> Din ir-regola speċifika tirrifletti l-prinċipju ġenerali tal-obbligu ta’ rendikont, li huwa preżenti fil-GDPR kollu. Madankollu, meta japplika l-Artikolu 7(4), ikun aktar diffiċli biex il-kontrollur jagħti prova li l-kunsens ikun ingħata liberament mis-suġġett tad-*data*.<sup>26</sup>

<sup>23</sup>Għal aktar informazzjoni u eżempji, ara l-Opinjoni 6/2014 dwar il-kunċett ta’ interessi leġittimi tal-kontrollur tad-*data* taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE, adottata mill-WP.29 fid-9 ta’ April 2014, p. 16-17. (WP.217).

<sup>24</sup>Il-bażi legali xierqa mbagħad tista’ tkun l-Artikolu 6(1)(b) (kuntratt).

<sup>25</sup>Ara wkoll l-Artikolu 7(1) tal-GDPR, li jiddikjara li l-kontrollur irid juri li l-qbil tas-suġġett tad-*data* ngħata liberament.

<sup>26</sup>Sa ċertu punt, l-introduzzjoni ta’ dan il-paragrafu huwa kodifika tal-gwida eżistenti tal-WP.29. Kif deskritt fl-Opinjoni 15/2011, meta suġġett tad-*data* jkun f’sitwazzjoni ta’ dipendenza fuq il-kontrollur tad-*data* – minħabba n-natura tar-relazzjoni jew minħabba ċirkustanzi speċjali – jista’ jkun hemm preżunzjoni qawwija li l-

37. Il-kontrollur jista' jargumenta li l-organizzazzjoni tiegħu toffri għażla ġenwina lis-suġġetti tad-*data* tiegħu, jekk setgħu jagħżlu bejn, minn naħa waħda servizz li jinkludi l-għoti ta' kunsens għall-użu tad-*data* personali għal fini addizzjonali u min-naħa l-oħra servizz ekwivalenti offrut mill-istess kontrollur li ma jinvolvix l-għoti ta' kunsens għall-użu tad-*data* għal fini addizzjonali. Dment li jkun hemm il-possibbiltà li dan il-kontrollur iwettaq il-kuntratt jew iwassal is-servizz ikkuntrattat mingħajr ma jingħata kunsens għal użu ta' *data* oħra jew addizzjonali, dan ikun ifisser li ma għadx hemm servizz kondizzjonali. Madankollu, iż-żewġ servizzi jridu jkunu ġenwinament ekwivalenti.
38. L-EDPB iqis li l-kunsens ma jstax jitqies bħala li ngħata liberament jekk kontrollur jargumenta li teżisti għażla bejn, minn naħa waħda servizz li jinkludi l-għoti ta' kunsens għall-użu tad-*data* personali għal fini addizzjonali u min-naħa l-oħra servizz ekwivalenti offrut minn kontrollur differenti. F'każ bħal dan, il-libertà tal-għażla ssir skont x'jagħmlu l-atturi l-oħra fis-suq u skont jekk suġġett tad-*data* individwali jsibx is-servizzi tal-kontrollur l-ieħor ġenwinament ekwivalenti. Barra minn hekk, dan ikun jimplika obbligu li l-kontrolluri jimmonitorjaw l-iżviluppi fis-suq biex jiżguraw il-validità kontinwa tal-kunsens għall-attivitajiet tagħhom ta' pproċessar tad-*data*, billi kompetitur jista' jibdel is-servizz tiegħu fi stadju aktar tard. Għalhekk, l-użu ta' dan l-argument jimplika kunsens li jiddependi fuq opzjoni alternattiva offruta minn parti terza u dan mhux konformi mal-GDPR, li jfisser li fornitur ta' servizz ma jstax jipprevjeni lis-suġġetti tad-*data* milli jaċċessaw servizz fuq il-bażi li ma jagħtux il-kunsens tagħhom.
39. Sabiex il-kunsens jingħata b'mod liberu, l-aċċess għal servizzi u funzjonalitajiet ma jridx isir kondizzjonali fuq il-kunsens ta' utent għall-ħżin ta' informazzjoni, jew il-kisba ta' aċċess għal informazzjoni diġà maħżuna, fit-tagħmir terminali ta' utent (l-hekk imsejja 'cookie walls')<sup>27</sup>.

40. Eżempju 6a: Fornitur ta' sit web jistabbilixxi skritt li se jimblokka l-kontenut milli jkun viżibbli ħlief għal talba biex jiġu aċċettati l-cookies u l-informazzjoni dwar liema cookies qed jiġu stabbiliti u għal liema finijiet se tiġi pproċessata d-*data*. M'hemm l-ebda possibbiltà ta' aċċess għall-kontenut mingħajr ma wieħed jikklikkja fuq il-buttuna "Aċċetta l-cookies". Peress li s-suġġett tad-*data* ma jiġix ippreżentat b'għażla ġenwina, il-kunsens tiegħu ma jingħatax liberament.
41. Dan ma jikkostitwixxix kunsens validu, peress li l-forniment tas-servizz jiddependi fuq il-fatt li s-suġġett tad-*data* jikklikkja l-buttuna "Aċċetta l-cookies". Dan mhux ippreżentat b'għażla ġenwina.

### 3.1.3 Granularità

42. Servizz jista' jinvolti ħafna operazzjonijiet ta' pproċessar għal aktar minn fini wieħed. F'dawn il-każijiet, is-suġġetti tad-*data* għandhom ikunu liberi biex jagħżlu liema fini huma jaċċettaw, minflok ma jkollhom jagħtu l-kunsens lil għadd ta' fini għall-iproċessar. Skont il-GDPR, f'każ partikolari jistgħu jkunu ġġustifikati bosta talbiet għall-kunsens biex jibda' jingħata servizz.
43. Il-Premessa 43 tiċċara li l-kunsens huwa preżunt li ma ngħatax liberament jekk il-proċess/il-proċedura għall-ksib tal-kunsens ma jippermettix li s-suġġetti tad-*data* jagħtu l-kunsens separat tagħhom għal operazzjonijiet rispettivi ta' pproċessar ta' *data* personali (eż. għal xi operazzjonijiet ta' pproċessar biss u mhux għal oħrajn), minkejja li jkun xieraq fil-każ partikolari. Il-premessa 32 tiddikjara li l-*"Jenħtieġ li*

---

libertà għall-kunsens hija limitata f'dawn is-sitwazzjonijiet (eż. f'relazżjoni professjonali jew jekk il-ġbir tad-*data* jitwettaq minn awtorità pubblika). Bl-Artikolu 7(4) fis-seħħ, se jkun aktar diffiċli biex il-kontrollur jagħti prova li l-kunsens ikun ingħata liberament mis-suġġett tad-*data*. Ara: Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, Opinjoni 15/2011 dwar id-definizzjoni ta' kunsens (WP.187), pp. 12-17.

<sup>27</sup> Kif intqal aktar 'il fuq, il-kundizzjonijiet tal-GDPR għall-ksib ta' kunsens validu huma applikabbli f'sitwazzjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

*I-kunsens ikopri l-attivitajiet ta' pproċessar kollha mwettqa għall-istess għan jew għanijiet. Meta l-ipproċessar ikollu għanijiet multipli, jenħtiegħ li jingħata kunsens għalihom kollha".*

44. Jekk il-kontrollur ikun ikkombina bosta fini għall-ipproċessar u ma jkunx ipprova jitlob kunsens separat għal kull fini, ikun hemm nuqqas ta' libertà. Din il-granularità hija relatata mill-qrib mal-ħtieġa biex il-kunsens ikun speċifiku, kif inhu diskuss fit-Taqsima 3.2 hawn taħt. Meta l-ipproċessar tad-*data* jsir għal bosta fini, il-granularità hija s-soluzzjoni biex ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet għall-kunsens validu, jiġifieri s-separazzjoni ta' dawn il-fini u l-ksib tal-kunsens għal kull fini.

45. Eżempju 7: Fl-istess talba għall-kunsens, bejjiegħ bl-imnut jitlob lill-klijenti tiegħu għall-kunsens biex id-*data* tagħhom tintuża biex jintbagħtilhom reklamar bl-email, kif ukoll biex tiġi kondiviża ma' kumpaniji oħra fil-grupp tagħhom. Dan il-kunsens mhuwiex granuluż billi ma hemmx talbiet separati għall-kunsens għal dawn iż-żewġ fini partikolari, u għalhekk il-kunsens ma jkunx validu. F'dan il-każ, għandu jinġabar kunsens speċifiku biex id-dettalji ta' kuntatt jintbagħtu lis-sħab kummerċjali. Kunsens speċifiku bħal dan jitqies bħala validu għal kull sieħeb (ara wkoll it-Taqsima 3.3.1) li l-identità tiegħu tkun ingħatat lis-suġġett tad-*data* fi żmien il-ksib tal-kunsens tiegħu, sal-punt fejn tkun ingħatatilhom għall-istess fini (f'dan l-eżempju: għan ta' kummerċjalizzazzjoni).

#### 3.1.4 **Ħsara**

46. Il-kontrollur irid juri li huwa possibbli li l-kunsens jiġi rrifjutat jew irtirat mingħajr detriment (il-premessa 42). Pereżempju, il-kontrollur irid jagħti prova li l-irtirar tal-kunsens ma jwassalx għal xi spejjeż għas-suġġett tad-*data*, u għalhekk ma jkun hemm ebda żvantaġġ għal dawk li jirtiraw il-kunsens.
47. Xi eżempji oħra ta' detriment huma l-qerq, l-intimidazzjoni, il-koerċizzjoni jew konsegwenzi negattivi sinifikanti jekk suġġett tad-*data* ma jagħtix il-kunsens. Il-kontrollur għandu jkun kapaċi jagħti prova li s-suġġett tad-*data* kellu għażla libera jew ġenwina dwar jekk jagħtix il-kunsens u li kien possibbli li l-kunsens jiġi rtirat mingħajr detriment.
48. Jekk kontrollur ikun jista' juri li servizz jinkludi l-possibbiltà li l-kunsens jiġi rtirat mingħajr konsegwenzi negattivi, eż. mingħajr ma jonqos is-servizz għad-detriment tal-utent, dan jista' jservi biex juri li l-kunsens ingħata liberament. Il-GDPR ma jipprekludix l-inċentivi kollha, iżda l-oneru jkun fuq il-kontrollur biex juri li l-kunsens xorta waħda ngħata liberament fiċ-ċirkustanzi kollha.

49. Eżempju 8: Meta titniżżel applikazzjoni dwar l-istil ta' ħajja għall-apparati mobbli, l-applikazzjoni titlob għall-kunsens biex taċċessa l-aċċelerometru tal-apparat mobbli. Dan mhuwiex neċessarju biex l-applikazzjoni taħdem, iżda huwa utli għall-kontrollur li jixtieq isir jaf aktar dwar il-movimenti u l-livelli ta' attività tal-utenti tagħha. Aktar tard, meta l-utent jirrevoka l-kunsens, huwa jsib li l-applikazzjoni issa taħdem biss sa ċertu punt. Dan huwa eżempju ta' detriment kif imfisser fil-Premessa 42, li jfisser li l-kunsens ma kienx inkiseb b'mod validu (u għalhekk il-kontrollur irid iħassar id-*data* personali kollha dwar il-movimenti tal-utenti li tkun inġabret b'dan il-mod).

50. Eżempju 9: Suġġett tad-*data* jabbona għal bullettin ta' negozju tal-moda b'xi skontijiet ġenerali. Il-bejjiegħ bl-imnut jitlob lis-suġġett tad-*data* għall-kunsens biex jiġbor aktar *data* dwar il-preferenzi tax-xiri tiegħu, biex ikun jista' jibgħat offerti bbażati fuq ix-xirijiet fil-passat jew fuq kwestjonarju li jista' jimtela b'mod volontarju. Aktar tard, meta s-suġġett tad-*data* jirrevoka l-kunsens, huwa jerġa' jirċievi skontijiet mhux personalizzati għall-prodotti tal-moda. Dan ma jammontax għal detriment, billi jkun intilef biss l-inċentiv permissibbli.

51. Eżempju 10: Rivista tal-moda toffri lill-qarrejja aċċess biex jixtru prodotti kożmetiċi ġodda qabel it-tnedija uffiċjali.

52. Il-prodotti se jkunu disponibbli għall-bejgħ fi żmien qasir, iżda l-qarrejja ta' din ir-rivista jingħataw anteprema esklużiva ta' dawn il-prodotti. Sabiex igawdu minn dan il-benefiċċju, in-nies iridu jagħtu l-indirizz postali tagħhom u jaqblu li jabbonaw għal-lista ta' indirizzi elettroniċi tar-rivista. L-indirizz postali huwa neċessarju biex tintbagħat ir-rivista u l-lista ta' indirizzi elettroniċi tintuża biex matul is-sena jintbagħtu offerti kummerċjali għal prodotti bħal kożmetiċi jew flokkijiet.
53. Il-kumpanija tispjega li d-*data* fuq il-lista ta' indirizzi elettroniċi se tintuża biss biex jintbagħtu xi prodotti u reklamar stampat mir-rivista nfisha, u li mhux se tiġi kondiviża ma' xi organizzazzjoni oħra.
54. F'każ li l-qarrej ma jkunx jixtieq jiżvela l-indirizz tiegħu għal din ir-raġuni, ma hemm ebda detriment, billi l-prodotti xorta waħda jkunu disponibbli għalih.

### 3.2 Speċifiku

55. L-Artikolu 6(1)(a) jikkonferma li jrid jingħata l-kunsens tas-suġġett tad-*data* b'relazzjoni ma' fini "speċifiku wieħed jew aktar", u li s-suġġett tad-*data* jkollu għażla fir-rigward ta' kull wieħed minnhom.<sup>28</sup> Ir-rekwiżit li l-kunsens irid ikun "*speċifiku*" għandu l-għan li jiżgura grad ta' kontroll tal-utent u trasparenza għas-suġġett tad-*data*. Dan ir-rekwiżit ma nbidilx mill-GDPR u għadu marbut mill-qrib mar-rekwiżit ta' kunsens "infurmat". Fl-istess ħin, irid jiġi interpretat f'konformità mar-rekwiżit għall-"granularità" biex jinkiseb kunsens "liberu".<sup>29</sup> B'kollox, biex jikkonforma mal-element ta' "*speċifiku*", il-kontrollur irid japplika:
- i L-ispeċifikazzjoni tal-fini hija salvagwardja kontra l-abbuż tal-funzjoni,
  - ii Il-granularità fit-talbiet għall-kunsens, u
  - iii Separazzjoni ċara tal-informazzjoni relatata mal-ksib ta' kunsens għal attivitajiet ta' pproċessar tad-*data* minn informazzjoni dwar kwistjonijiet oħra.
56. **Ad. (i):** Skont l-Artikolu 5(1)(b) tal-GDPR, il-ksib ta' kunsens validu huwa dejjem preċedut mid-determinazzjoni ta' fini speċifiku, espliċitu u leġittimu għall-attività tal-ipproċessar intenzjonata.<sup>30</sup> Il-ħtieġa għal kunsens speċifiku f'kombinament mal-kunċett ta' limitazzjoni tal-fini fl-Artikolu 5(1)(b) tiffunzjona bħala salvagwardja kontra t-twessiegħ gradwali jew in-nuqqas ta' ċarezza tal-fini li għalihom tiġi pproċessata d-*data*, wara li suġġett tad-*data* jkun qabel mal-ġbir inizjali tad-*data*. Dan il-fenomeno, magħruf ukoll bħala abbuż tal-funzjoni, huwa riskju għas-suġġetti tad-*data* billi jista' jirriżulta f'użu mhux antiċipat tad-*data* personali mill-kontrollur jew minn partijiet terzi, kif ukoll fit-telf tal-kontroll tas-suġġett tad-*data*.

<sup>28</sup>Gwida ulterjuri dwar id-determinazzjoni ta' "fini" tista' tinstab fl-Opinjoni 3/2013 dwar il-limitazzjoni tal-fini (WP.203).

<sup>29</sup>Il-Premessa 43 tal-GDPR tiddikjara li kull meta jkun xieraq, ikun meħtieġ kunsens separat għal operazzjonijiet differenti ta' pproċessar.

Għandhom jingħataw għażliet ta' kunsens granulużi biex is-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jagħtu l-kunsens separat tagħhom għal fini separati.

<sup>30</sup>Ara l-Opinjoni 3/2013 tal-WP.29 dwar il-limitazzjoni tal-fini (WP.203), p. 16: "Għal dawn ir-raġunijiet, fini li jkun vag jew ġenerali, bħal pereżempju "it-titjib tal-esperjenza tal-utenti", "fini ta' kummerċjalizzazzjoni", "fini ta' sigurtà tal-IT" jew "riċerka fil-ġejjieni" - mingħajr aktar dettall - normalment ma jkunx jissodisfa l-kriterju li jkun "speċifiku"."

57. Jekk il-kontrollur ikun qed joqgħod fuq l-Artikolu 6(1)(a), is-suġġetti tad-*data* dejjem iridu jagħtu l-kunsens għal fini speċifiku ta' pproċessar.<sup>31</sup> F'konformità mal-kunċett ta' *limitazzjoni tal-fini*, l-Artikolu 5(1)(b) u l-Premessa 32, il-kunsens jista' jkopri operazzjonijiet differenti, dment li dawn l-operazzjonijiet jaqdu l-istess fini. Huwa ovvju li kunsens speċifiku jista' jinkiseb biss meta s-suġġetti tad-*data* jkunu infurmati speċifikament dwar il-fini intenzjonati tal-użu tad-*data* li jikkonċernahom.
58. Minkejja d-dispożizzjonijiet dwar il-kompatibilità tal-fini, il-kunsens irid ikun speċifiku għall-fini. Is-suġġetti tad-*data* jagħtu l-kunsens tagħhom bi qbil li huma jkollhom il-kontroll u li d-*data* tagħhom tiġi pproċessata biss għal dawk il-fini speċifikati. Jekk kontrollur jipproċessa d-*data* abbażi tal-kunsens u jkun jixtieq jipproċessa d-*data* għal fini ieħor ukoll, dak il-kontrollur irid jitlob kunsens addizzjonali għal dan il-fini, dment li ma jkunx hemm bażi legali oħra li tirrifletti din is-sitwazzjoni aħjar.

59. Eżempju 11: Netwerk tat-televiżjoni bil-kejbil jiġbor id-*data* personali tal-abbonati, abbażi tal-kunsens tagħhom, biex jippreżentahom suġġerimenti personalizzati għal films ġodda li huma jistgħu jkunu interessati jaraw, ibbażat fuq x'jaraw issoltu. Wara xi żmien, in-netwerk tat-televiżjoni jiddeċiedi li jixtieq jippermetti li partijiet terzi jibgħatu (jew juru) reklamar immirat abbażi tad-drawwiet tal-abbonat meta jara t-televiżjoni. Minħabba dan il-fini ġdid, huwa meħtieġ kunsens ġdid.

60. **Ad. (ii)**: Biex jissodisfaw ir-rekwiżit ta' "liberi", il-mekkaniżmi ta' kunsens iridu jkunu mhux biss granulużi iżda wkoll jissodisfaw l-element ta' "speċifiku". Dan ifisser li kontrollur li jitlob il-kunsens għal diversi fini differenti għandu jipprovdi inklużjoni fakultattiva separata għal kull fini, biex jippermetti li l-utenti jagħtu kunsens speċifiku għal fini speċifiċi.
61. **Ad. (iii)**: Fl-aħħar nett, ma' kull talba separata għall-kunsens, il-kontrolluri għandhom jipprovdu informazzjoni speċifika dwar id-*data* li tiġi pproċessata għal kull fini, sabiex is-suġġetti tad-*data* jkunu konxji mill-impatt tal-għażliet differenti li jkollhom. Għalhekk, is-suġġetti tad-*data* jkunu jistgħu jagħtu kunsens speċifiku. Din il-kwistjoni għandha partijiet komuni mar-rekwiżit li l-kontrolluri jridu jipprovdu informazzjoni ċara, kif inhu diskuss fil-paragrafu 3.3 hawn taħt.

### 3.3 Infurmat

62. Il-GDPR jirrinforza r-rekwiżit li l-kunsens irid ikun infurmat. Abbażi tal-Artikolu 5 tal-GDPR, ir-rekwiżit għat-trasparenza huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali, relatat mill-qrib mal-prinċipji tal-ġustizzja u tal-legalità. L-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* qabel ma jinkiseb il-kunsens tagħhom huwa essenzjali sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati, jifhmu dak li jkunu qed jaqblu miegħu, u pereżempju jeżerċitaw id-dritt li jirtiraw il-kunsens tagħhom. Jekk il-kontrollur ma jipprovdi informazzjoni aċċessibbli, il-kontroll tal-utent isir illużjoni u l-kunsens ma jkunx bażi valida għall-ipproċessar.
63. Il-konsegwenza tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għall-kunsens infurmat hija li l-kunsens ikun invalidu u l-kontrollur jista' jkun kiser l-Artikolu 6 tal-GDPR.

#### 3.3.1 Rekwiżiti minimi tal-kontenut biex il-kunsens ikun "infurmat"

64. Biex il-kunsens ikun infurmat, huwa neċessarju li s-suġġett tad-*data* jiġi infurmat dwar ċerti elementi li huma kruċjali biex issir għażla. Għalhekk, l-EDPB huwa tal-fehma li biex jinkiseb kunsens validu, għandha tkun meħtieġa mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

---

<sup>31</sup>Dan huwa konsistenti mal-Opinjoni 15/2011 tal-WP.29 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), pereżempju fuq p. 17.

- i. l-identità tal-kontrollur, <sup>32</sup>
  - ii. il-fini ta' kull waħda mill-operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom jintalab il-kunsens, <sup>33</sup>
  - iii. x'(tip ta') *data* se tinġabar u tintuża, <sup>34</sup>
  - iv. l-eżistenza tad-dritt li jiġi rtirat il-kunsens, <sup>35</sup>
  - v. informazzjoni dwar l-użu tad-*data* għat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, f'konformità mal-Artikolu 22(2)(c) <sup>36</sup> fejn rilevanti, u
  - vi. dwar ir-riskji possibbli ta' trasferimenti ta' *data* minħabba n-nuqqas ta' deċiżjoni dwar l-adekwatezza u ta' salvagwardji xierqa kif deskritt fl-Artikolu 46. <sup>37</sup>
65. Fir-rigward tal-partiti (i) u (iii), l-EDPB josserva li f'każ fejn bosta kontrolluri (konġunti) jkunu se joqgħodu fuq il-kunsens mitlub jew jekk id-*data* tkun se tiġi ttrasferita lil jew ipproċessata minn kontrolluri oħra li jixtiequ joqgħodu fuq il-kunsens oriġinali, jenħtieġ li dawn l-organizzazzjonijiet jissemmew kollha. Bħala parti mir-rekwiżit għall-kunsens, m'hemmx għalfejn jissemmew il-proċessuri, għalkemm biex jikkonformaw mal-Artikoli 13 u 14, il-kontrolluri jeħtieġu jipprovdu lista kompluta ta' riċevituri jew ta' kategoriji ta' riċevituri, inklużi l-proċessuri. Biex jikkonkludi, l-EDPB josserva li skont iċ-ċirkustanzi u l-kuntest ta' każ, tista' tkun meħtieġa aktar informazzjoni biex is-suġġett tad-*data* jkun jista' jifhem b'mod ġenwin l-operazzjonijiet ta' pproċessar involuti.

### 3.3.2 Kif tiġi pprovduta l-informazzjoni

66. Il-GDPR ma jippreskrivix il-forma jew l-għamla li fiha trid tiġi pprovduta l-informazzjoni sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit ta' kunsens infurmat. Dan ifisser li informazzjoni valida tista' tiġi ppreżentata f'diversi modi, bħal dikjarazzjonijiet bil-miktub jew orali, jew messaġġi bl-awdjo jew bil-vidjo. Madankollu, il-GDPR jistabbilixxi bosta rekwiżiti għall-kunsens infurmat, b'mod predominanti fl-Artikolu 7(2) u l-Premessa 32. Dan iwassal għal standard ogħla għaċ-ċarezza u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni.
67. Meta jitolbu l-kunsens, il-kontrolluri għandhom jiżguraw li jużaw lingwaġġ ċar u sempliċi fil-każijiet kollha. Dan ifisser li messaġġ għandu jinftiehem faċilment minn persuna normali u mhux biss mill-avukati. Il-kontrolluri la jistgħu jużaw stqarrijiet ta' privatezza twal li ma jinftiehmux faċilment u lanqas dikjarazzjonijiet mimlija lingwaġġ legali. Il-kunsens irid ikun ċar u distint minn kwistjonijiet oħra, u

---

<sup>32</sup> Ara wkoll il-Premessa 42 tal-GDPR: “ [...]Biex il-kunsens ikun wieħed informat, is-suġġett tad-*data* għandu jkun konxju mill-inqas tal-identità tal-kontrollur u l-finijiet tal-ipproċessar li għalihom tkun intenzjonata d-*data* personali.[...]”

<sup>33</sup> Għal darb'oħra, erga' ara l-Premessa 42 tal-GDPR.

<sup>34</sup> Ara wkoll l-Opinjoni 15/2011 tal-WP.29 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), pp. 19-20.

<sup>35</sup> Ara l-Artikolu 7(3) tal-GDPR.

<sup>36</sup> Ara wkoll il-Linji Gwida tal-WP.29 dwar it-Teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-Tfassil ta' Profili għall-fini tar-Regolament 2016/679 (WP 251), il-paragrafu IV.B, minn p. 20 'il quddiem.

<sup>37</sup> Skont l-Artikolu 49(1)(a), meta jintalab kunsens espliċitu hija meħtieġa informazzjoni speċifika dwar in-nuqqas tas-salvagwardji deskritti fl-Artikolu 46. Ara wkoll l-Opinjoni 15/2011 tal-WP.29 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), p. 19.



mogħti f'forma li tinftiehem u li tkun aċċessibbli faċilment. Dan ir-rekwiżit essenzjalment ifisser li l-informazzjoni rilevanti għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar jekk jingħatax il-kunsens ma tistax tinħeba f'termini u kundizzjonijiet ġenerali.<sup>38</sup>

68. Kontrollur irid jiżgura li l-kunsens jiġi pprovdut abbażi ta' informazzjoni li tippermetti li s-suġġetti tad-*data* jidentifikaw faċilment min huwa l-kontrollur u jifhmu dak li jkunu qed jagħtu l-kunsens għalih. Il-kontrollur irid jiddeskrivi b'mod ċar il-fini għall-ipproċessar tad-*data* li għalih jintalab il-kunsens.<sup>39</sup>
69. Gwida speċifika oħra dwar l-aċċessibbiltà ġiet ipprovduta fil-linji gwida tal-WP.29 dwar it-trasparenza. Jekk il-kunsens ikun se jingħata permezz ta' mezzi elettroniċi, it-talba trid tkun ċara u konċiża. Informazzjoni f'saffi u granuluża tista' tkun mod xieraq kif jiġi indirizzat l-obbligu doppju tal-preċiżjoni u l-kompletezza, minn naħa waħda, u taċ-ċarezza min-naħa l-oħra.
70. Kontrollur irid jivvaluta x'tip ta' udjenza tipprovidi d-*data* personali lill-organizzazzjoni tiegħu. Pereżempju, f'każ li l-udjenza fil-mira tinkludi suġġetti tad-*data* li jkunu taħt l-età, il-kontrollur huwa mistenni jiżgura li l-informazzjoni tkun tinftiehem mill-minorenni.<sup>40</sup> Wara li jidentifikaw l-udjenza tagħhom, il-kontrolluri jridu jidentifikaw liema informazzjoni huma għandhom jipprovidu u, sussegwentement, kif se jippreżentaw l-informazzjoni lis-suġġetti tad-*data*.
71. L-Artikolu 7(2) jindirizza dikjarazzjonijiet ta' kunsens bil-miktub iffornulati minn qabel, li jkunu jikkonċernaw ukoll kwistjonijiet oħra. Meta l-kunsens jintalab bħala parti minn kuntratt (stampat), it-talba għall-kunsens għandha tkun distinta b'mod ċar mill-kwistjonijiet l-oħra. Jekk kuntratt bil-miktub jinkludi ħafna aspetti li mhumiex relatati mal-kwistjoni tal-kunsens għall-użu tad-*data* personali, il-kwistjoni tal-kunsens għandha tiġi indirizzata b'mod li jkun prominenti b'mod ċar, jew inkella f'dokument separat. Bl-istess mod, skont il-Premessa 32, jekk il-kunsens jintalab permezz ta' mezzi elettroniċi, it-talba għall-kunsens trid tkun separata u distinta, u ma tistax tkun sempliċement paragrafu fi ħdan it-termini u kundizzjonijiet.<sup>41</sup> F'każ ta' skrins żgħar jew sitwazzjonijiet fejn ikun hemm spazju ristrett għall-informazzjoni, fejn xieraq jistgħu jitqiesu saffi bħala mod kif tiġi ppreżentata l-informazzjoni, biex jiġi evitat disturb eċċessiv tal-esperjenza tal-utent jew tad-disinn ta' prodott.
72. Kontrollur li joqgħod fuq il-kunsens tas-suġġett tad-*data* jrid jindirizza wkoll id-dmirijiet separati relatati mal-informazzjoni li huma stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14, sabiex ikun konformi mal-GDPR. Fil-prattika, il-konformità mad-dmirijiet relatati mal-informazzjoni u l-konformità mar-rekwiżit ta' kunsens infurmat jistgħu jwasslu għal approċċ integrat f'ħafna każijiet. Madankollu, din it-taqsimha hija miktuba bil-fehim li jista' jeżisti kunsens "infurmat" validu, anke meta fil-proċess tal-ksib tal-kunsens ma jissemmewx l-elementi kollha tal-Artikoli 13 u/jew 14 (ovvjament, dawn il-punti għandhom jissemmew f'postijiet oħra, bħall-istqarrija ta' privatezza ta' kumpanija). Il-WP.29 ħareġ linji gwida separati dwar ir-rekwiżit tat-trasparenza.

---

<sup>38</sup> Id-dikjarazzjoni tal-kunsens trid tissejjaħ hekk. L-abbozzar, bħal "Jien naf li..." ma jissodisfax ir-rekwiżit tal-lingwaġġ ċar.

<sup>39</sup> Ara l-Artikoli 4(11) u 7(2) tal-GDPR.

<sup>40</sup> Ara wkoll il-Premessa 58 dwar informazzjoni li tkun tista' tinftiehem mit-tfal.

<sup>41</sup> Ara wkoll il-Premessa 42 u d-Direttiva 93/13/KE, notevolment l-Artikolu 5 (lingwaġġ ċar u li jinftiehem, u f'każ ta' dubju, l-interpretazzjoni tkun favur il-konsumatur) u l-Artikolu 6 (invalidità ta' termini inġusti, il-kuntratt ikompli jeżisti mingħajr dawn it-termini biss jekk ikun għadu jagħmel sens, inkella l-kuntratt kollu jsir invalidu).

73. Eżempju 12: Il-Kumpanija X hija kontrollur li rċieva lmenti li mhuwiex ċar għas-suġġetti tad-*data* għall-*liema fini* tad-*data* qed jintalbu jagħtu kunsens. Il-kumpanija tqis li huwa meħtieġ li tivverifika jekk l-informazzjoni tagħha fit-talba għall-kunsens tinfthiemx mis-suġġetti tad-*data*. X torganizza panels volontarji għall-ittestjar magħmula minn kategoriji speċifiċi ta' klijenti tagħha, u qabel tikkomunika esternament l-aġġornamenti ġodda tal-informazzjoni tagħha dwar il-kunsens, hija tippreżentahom lil dawn l-udjenzi ttestjati. L-għażla tal-panel tirrispetta l-prinċipju tal-indipendenza u ssir abbażi ta' standards li jiżguraw eżitu rappreżentattiv u mhux preġudikat. Il-panel jirċievi kwestjonarju u jindika x'fehem mill-informazzjoni u x'punteġġ kieku jagħti f'termini ta' informazzjoni li tinfthiem u li hija rilevanti. Il-kontrollur ikompli jittestja sakemm il-panels jindikaw li l-informazzjoni tinfthiem. X tfassal rapport dwar it-test u żżommu disponibbli għal referenza fil-ġejjieni. Dan l-eżempju juri mod possibbli kif X tista' turi li s-suġġetti tad-*data* kienu qed jirċievu informazzjoni ċara qabel jagħtu l-kunsens għall-ipproċessar tad-*data* personali minn X.
74. Eżempju 13: Kumpanija tinvolvi lilha nfisha fl-ipproċessar tad-*data* abbażi tal-kunsens. Il-kumpanija tuża stqarrija ta' privatezza b'diversi saffi li tinkludi talba għall-kunsens. Il-kumpanija tiżvela d-dettalji bażiċi kollha tal-kontrollur u l-attivitajiet ta' pproċessar tad-*data* previsti.<sup>42</sup> Madankollu, il-kumpanija ma tindikax kif l-uffiċjal tagħha tal-protezzjoni tad-*data* jista' jiġi kuntattjat fl-ewwel saff ta' informazzjoni tal-avviż. Għall-fini li jkollu bażi legali valida skont it-tifsira tal-Artikolu 6, dan il-kontrollur kiseb kunsens "infurmat" validu, anke meta d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* ma ngħatawx lis-suġġett tad-*data* (fl-ewwel saff ta' informazzjoni), skont l-Artikolu 13(1)(b) jew 14(1)(b) tal-GDPR.

### 3.4 Indikazzjoni mhux ambigwa tax-xewqat

75. Il-GDPR huwa ċar dwar il-fatt li l-kunsens jeħtieġ dikjarazzjoni jew azzjoni affermattiva ċara mingħand is-suġġett tad-*data*, li jfisser li dan dejjem irid jingħata permezz ta' moviment jew dikjarazzjoni attiva. Irid ikun ovvju li s-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar partikolari.
76. L-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 95/46/KE iddeskriva l-kunsens bħala "indikazzjoni tax-xewqa tiegħu li biha s-suġġett tad-*data* jaqbel li jsir l-ipproċessar tad-*data* personali dwaru". L-Artikolu 4(11) tal-GDPR ikompli jibni fuq din id-definizzjoni, billi jiċċara li l-kunsens validu jeħtieġ indikazzjoni *mhux ambigwa* permezz ta' *dikjarazzjoni jew ta' azzjoni affermattiva ċara*, f'konformità mal-gwida preċedenti maħruġa mill-WP.29.
77. "Azzjoni affermattiva ċara" tfisser li s-suġġett tad-*data* irid ikun ħa azzjoni intenzjonata biex jagħti l-kunsens għall-ipproċessar partikolari.<sup>43</sup> Il-Premessa 32 tistipula gwida addizzjonali dwar dan. Il-

<sup>42</sup> Osserva li meta l-identità tal-kontrollur jew il-fini tal-ipproċessar ma jkunx evidenti mill-ewwel saff ta' informazzjoni tal-istqarrija ta' privatezza b'ħafna saffi (u din tkun tinsab f'sottosaffi ulterjuri), ikun diffiċli biex il-kontrollur tad-*data* juri li s-suġġett tad-*data* kien ta kunsens infurmat, dment li l-kontrollur tad-*data* ma jkunx jista' juri li s-suġġett tad-*data* inkwistjoni aċċessa dik l-informazzjoni qabel ma ta l-kunsens.

<sup>43</sup> Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt, l-Anness 2, p. 20 u wkoll pp. 105-106: "Kif inhu indikat ukoll fl-opinjoni adottata mill-WP.29 dwar il-kunsens, jidher li huwa essenzjali li jiġi ċċarat li l-kunsens validu jeħtieġ l-użu ta' mekkaniżmi li ma jħallu ebda dubju dwar l-intenzjoni tas-suġġett tad-*data* li jagħti l-kunsens, filwaqt li jkun ċar li – fil-kuntest tal-ambjent online – l-użu ta' għażliet prestabbiliti li s-suġġett tad-*data* jrid jimmodifika biex jirrifjuta l-ipproċessar ("kunsens ibbażat fuq is-silenzju") ma jikkostitwix, minnu nnifsu, kunsens mhux ambigwu. Dan kieku jagħti lill-individwi aktar kontroll fuq id-*data* tagħhom stess, kull meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens tagħhom. Rigward l-impatt fuq il-kontrolluri tad-*data*, dan ma jkollux impatt kbir billi sempliċement jiċċara l-implikazzjonijiet tad-Direttiva attwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet għal kunsens validu u sinifikattiv mingħand is-suġġett tad-*data*. B'mod partikolari, sal-punt fejn kunsens

kunsens jista' jinġabar permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub jew dikjarazzjoni orali (rrekordjata), inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi.

78. Forsi l-mod l-aktar litterali biex jiġi ssodisfat il-kriterju ta' "dikjarazzjoni bil-miktub" huwa li jiġi żgurat li suġġett tad-*data* jikteb ittra jew email lill-kontrollur fejn jispjega eżattament dak li huwa jaqbel miegħu. Madankollu, dan spiss ma jkunx realistiku. Dikjarazzjonijiet bil-miktub jistgħu jieħdu diversi forom u daqsijiet li jistgħu jkunu jikkonformaw mal-GDPR.
79. Mingħajr preġudizzju għal-liġi (nazzjonali) eżistenti dwar il-kuntratti, il-kunsens jista' jinkiseb permezz ta' dikjarazzjoni orali, għalkemm irid jittieħed kont tal-informazzjoni disponibbli għas-suġġett tad-*data* qabel l-indikazzjoni ta' kunsens. L-użu ta' kaxex ta' inklużjoni fakultattiva mimlijin minn qabel huwa invalidu taħt il-GDPR. Is-silenzju jew l-inattività min-naħa tas-suġġett tad-*data*, kif ukoll proċediment sempliċi ta' servizz, ma jistgħux jitqiesu bħala indikazzjoni attiva ta' għażla.

80. Eżempju 14: Meta jiġi installat is-softwer, l-applikazzjoni titlob lis-suġġett tad-*data* għall-kunsens biex tuża rapporti mhux anonimizzati dwar xi ħsara għat-titjib tas-softwer. It-talba għall-kunsens hija akkumpanjata minn stqarrija ta' privatezza b'diversi saffi li tipprovdli l-informazzjoni neċessarja. Billi jimla l-kaxxa fakultattiva li tiddikjara "Jien nagħti l-kunsens", l-utent ikun jista' jwettaq "azzjoni affermattiva ċara" biex jagħti l-kunsens għall-ipproċessar.

81. Kontrollur irid joqgħod attent ukoll li l-kunsens ma jstax jinkiseb permezz tal-istess moviment bħall-qbil ma' kuntratt jew l-aċċettazzjoni tat-termini u kundizzjonijiet ġenerali ta' servizz. L-aċċettazzjoni ġenerali tat-termini u kundizzjonijiet ġenerali ma tistax titqies bħala azzjoni affermattiva ċara għall-kunsens tal-użu tad-*data* personali. Il-GDPR ma jippermettix li l-kontrolluri joffru kaxex mimlijin minn qabel jew kostruzzjonijiet ta' esklużjoni fakultattiva li jeħtieġu intervent mis-suġġett tad-*data* biex ma jaqbilx magħhom (pereżempju "kaxex ta' esklużjoni fakultattiva").<sup>44</sup>
82. Meta l-kunsens ikollu jingħata wara talba li ssir b'mezz elettroniku, it-talba għall-kunsens ma għandhiex tfixxkel b'mod *mhux neċessarju* l-użu tas-servizz li għalih jingħata l-kunsens.<sup>45</sup> Meta mod li jittrasgredixxi jew jiddisturba inqas ikun jirriżulta f'ambigwiż, jista' jkun neċessarju moviment attiv ta' affermazzjoni li bih is-suġġett tad-*data* jindika l-kunsens. Għalhekk, jista' jkun meħtieġ li biex dik it-talba għall-kunsens tkun effettiva, tkun trid tinterrampi l-esperjenza tal-użu sa ċertu punt.
83. Madankollu, skont ir-rekwiżiti tal-GDPR, il-kontrolluri għandhom il-libertà li jiżviluppaw fluss ta' kunsens li jixraq lill-organizzazzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, movimenti fiżiċi jistgħu jiġu kkwalfikati bħala azzjoni affermattiva ċara f'konformità mal-GDPR.
84. Il-kontrolluri għandhom ifasslu mekkaniżmi ta' kunsens b'modi li jkunu ċari għas-suġġetti tad-*data*. Il-kontrolluri jridu jevitaw l-ambigwiż u jridu jiżguraw li l-azzjoni li biha jingħata l-kunsens tkun distinta minn azzjonijiet oħra. Għalhekk, is-sempliċi kontinwazzjoni tal-użu ordinarju ta' sit web mhijiex imġiba li minnha jista' jiġi inferit indikazzjoni tax-xewqat tas-suġġett tad-*data*, biex ikun sinjal tal-qbil tiegħu ma' operazzjoni ta' pproċessar proposta.

---

*"espliċitu" jiċċara – billi jissostitwixxi "mhux ambigwu" – il-modalitajiet u l-kwalità tal-kunsens u li mhuwiex intenzjonat biex jestendi l-każijiet u s-sitwazzjonijiet fejn il-kunsens (espliċitu) għandu jintuża bħala l-bażi għall-ipproċessar, l-impatt ta' din il-miżura fuq il-kontrolluri tad-*data* mhuwiex mistenni jkun kbir."*

<sup>44</sup> Ara l-Artikolu 7(2). Ara wkoll id-Dokument ta' Hídma 2/2013 dwar il-ksib tal-kunsens għall-cookies (WP 208), pp. 3-6.

<sup>45</sup> Ara l-Premessa 32 tal-GDPR.

85. Eżempju 15: “Swiping” ta’ żbarra fuq skrin, tixjir quddiem kamera intelliġenti, tidwir lemini ta’ smartphone, jew f’moviment ta’ ottu jistgħu jkunu opzjonijiet biex jiġi indikat qbil, dment li tiġi pprovduta informazzjoni ċara u li jkun ċar li l-moviment inkwistjoni jfisser qbil ma’ talba speċifika (eż. jekk tressaq din l-iżbarra lejn ix-xellug, inti taqbel mal-użu tal-informazzjoni X għall-użu Y. Irrepeti l-moviment biex tikkonferma.”). Il-kontrollur irid ikun jista’ juri li l-kunsens inkiseb b’dan il-mod u s-suġġetti tad-*data* jridu jkunu jistgħu jirtiraw il-kunsens faċilment.

86. Eżempju 16: Abbażi tal-premessa 32, azzjonijiet bħall-iskroll jew “swiping” permezz ta’ paġna tal-web jew attività ta’ utenti simili, mhuma se jissodisfaw bl-ebda mod ir-rekwiżit ta’ azzjoni ċara u affermattiva: tali azzjonijiet jistgħu jkunu diffiċli biex issir distinzjoni minn attività jew interazzjoni oħra minn utent u għalhekk id-determinazzjoni ta’ kunsens mhux ambigwu wkoll ma tkunx possibbli. Barra minn hekk, f’każ bħal dan, ser ikun diffiċli li jiġi pprovdut mod biex l-utent jirtira kunsens b’mod li jkun faċli daqs l-għotja tiegħu.

87. Fil-kuntest diġitali, ħafna servizzi jeħtieġu d-*data* personali biex jaħdmu, b’hekk kuljum is-suġġetti tad-*data* jirċievu ħafna talbiet għall-kunsens li jkunu jeħtieġu risposti permezz ta’ klikks u “swipes”. Dan jista’ jirriżulta f’ċertu grad ta’ għejja fl-ikklikkjar: meta jidher spiss wisq, jonqos l-effett ta’ twissija tal-mekkaniżmi ta’ kunsens.

88. Dan jirriżulta f’sitwazzjoni fejn il-mistoqsijiet dwar il-kunsens ma jibqgħux jinqraw. Dawn huwa riskju partikolari għas-suġġetti tad-*data*, billi tipikament il-kunsens jintalab għal azzjonijiet li fil-prinċipju jkunu illegali mingħajr il-kunsens tagħhom. Il-GDPR jobbliga lill-kontrolluri biex jiżviluppaw modi biex jindirizzaw din il-kwistjoni.

89. Eżempju li jissemma’ spiss fil-kuntest online huwa meta l-kunsens tal-utenti tal-Internet jinkiseb permezz tal-konfigurazzjonijiet tal-brawżer tagħhom. Dawn il-konfigurazzjonijiet għandhom jiġu żviluppati f’konformità mal-kundizzjonijiet għall-kunsens validu fil-GDPR, bħal pereżempju li l-kunsens għandu jkun granuluż għal kull waħda mill-fini previsti u li l-informazzjoni li għandha tingħata trid issemmi l-kontrolluri.

90. F’kull każ, il-kunsens dejjem irid jinkiseb qabel il-kontrollur jibda jipproċessa d-*data* personali li għaliha jkun meħtieġ il-kunsens. Il-WP.29 sostna b’mod konsistenti fl-opinjonijiet tiegħu li l-kunsens jenħtieġ li jingħata qabel l-attività tal-ipproċessar.<sup>46</sup> Għalkemm l-Artikolu 4(11) tal-GDPR ma jippreskrivix litteralment li l-kunsens irid jingħata qabel l-attività tal-ipproċessar, dan huwa implikat b’mod ċar. L-intestatura tal-Artikolu 6(1) u l-formulazzjoni “jkun ta’” fl-Artikolu 6(1)(a) jappoġġjaw din l-interpretazzjoni. Loġikament, l-Artikolu 6 u l-Premessa 40 jimplikaw li trid tkun preżenti bażi legali valida qabel jinbeda l-ipproċessar tad-*data*. Għalhekk, għandu jingħata kunsens qabel l-attività tal-ipproċessar. Fil-prinċipju, jista’ jkun biżżejjed li suġġett tad-*data* jintalab il-kunsens darba biss. Madankollu, il-kontrolluri tabilħaqq iridu jiksbu kunsens ġdid u speċifiku jekk il-fini għall-ipproċessar tad-*data* jinbidlu wara li l-kunsens ikun inkiseb jew jekk ikun previst fini addizzjonali.

---

<sup>46</sup> Il-WP.29 żamm din il-pożizzjoni konsistenti miż-żmien tal-Opinjoni 15/2011 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP.187), pp. 30-31.

## 4 KSIB TA' KUNSENS ESPLĠĊITU

91. Il-kunsens espliċitu huwa meħtieġ f'ċerti sitwazzjonijiet fejn ifeġġ riskju serju għall-protezzjoni tad-*data*, jiġifieri fejn jitqies xieraq livell għoli ta' kontroll individwali fuq id-*data* personali. Skont il-GDPR, il-kunsens espliċitu għandu rwol fl-Artikolu 9 dwar l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*, fid-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti ta' *data* lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali fin-nuqqas ta' salvagwardji adegwati fl-Artikolu 49<sup>47</sup>, u fl-Artikolu 22 dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati, inkluż it-tfassil ta' profili.<sup>48</sup>
92. Il-GDPR jippreskrivi li “dikjarazzjoni jew azzjoni affermattiva ċara” huma prerekwiżit għall-kunsens “regolari”. Billi r-rekwiżit “regolari” għall-kunsens fil-GDPR diġà ttejjeb għal standard ogħla meta mqabbel mar-rekwiżit għall-kunsens fid-Direttiva 95/46/KE, jeħtieġ li jiġi ċċarat xi sforzi żejda għandhom jittieħdu minn kontrollur sabiex jinkiseb il-kunsens *espliċitu* ta' suġġett tad-*data*, f'konformità mal-GDPR.
93. It-terminu *espliċitu* jirreferi għall-mod kif is-suġġett tad-*data* jesprimi l-kunsens. Dan ifisser li s-suġġett tad-*data* jrid jiddikjara l-kunsens tiegħu b'mod espliċitu. Mod ovvju kif jiġi żgurat li l-kunsens ikun espliċitu huwa li l-kunsens jiġi kkonfermat espressament f'dikjarazzjoni bil-miktub. Fejn ikun xieraq, il-kontrollur jista' jiżgura li d-dikjarazzjoni bil-miktub tkun iffirmata mis-suġġett tad-*data*, sabiex jiġi eliminat kull dubju possibbli u nuqqas potenzjali ta' evidenza fil-ġejjieni.<sup>49</sup>
94. Madankollu, dikjarazzjoni iffirmata bħal din mhijiex l-uniku mod kif jista' jinkiseb kunsens espliċitu, u ma jistax jingħad li l-GDPR jippreskrivi dikjarazzjonijiet bil-miktub jew iffirmati fiċ-ċirkustanzi kollha li jirrikjedu kunsens espliċitu validu. Pereżempju, f'kuntest diġitali jew online, suġġett tad-*data* jista' jkun kapaċi joħroġ id-dikjarazzjoni meħtieġa billi jimla formola elettronika, billi jibgħat email, billi jtella' dokument skenjat bil-firma tiegħu, jew billi juża firma elettronika. Teoretikament, l-użu ta' dikjarazzjonijiet orali jista' jkun ukoll biżżejjed biex jinkiseb kunsens espliċitu validu, madankollu jista' jkun diffiċli għall-kontrollur li jagħti prova li fiż-żmien li fih ġiet irrekordjata d-dikjarazzjoni ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha għal kunsens espliċitu validu.

---

<sup>47</sup> Skont l-Artikolu 49 (1)(a) tal-GDPR, il-kunsens espliċitu jista' jelimina l-projbizzjoni fuq trasferimenti ta' *data* lejn pajjiżi li ma għandhomx livelli adegwati ta' liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*. Innota wkoll id-Dokument ta' ħidma dwar interpretazzjoni komuni tal-Artikolu 26(1) tad-Direttiva 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 (WP.114), p. 11, fejn WP.29 indika li l-kunsens għat-trasferimenti ta' *data* li jseħħu perjoġikament jew fuq bażi kontinwa mhuiwix xieraq.

<sup>48</sup> Fl-Artikolu 22, il-GDPR jintroduċi dispożizzjonijiet biex jipproteġi lis-suġġetti tad-*data* minn teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat biss fuq l-ipproċessar awtomatizzati, inkluż it-tfassil ta' profili. Deċiżjonijiet li jsiru abbażi ta' dan huma permessi taħt ċerti kundizzjonijiet legali. Il-kunsens għandu rwol ewlieni f'dan il-mekkaniżmu ta' protezzjoni, billi l-Artikolu 22(2)(c) jagħmilha ċara li bil-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-*data*, kontrollur jista' jipproċedi b'teħid awtomatiku ta' deċiżjonijiet, inkluż it-tfassil ta' profili li jistgħu jaffettwaw lill-individwu b'mod sinifikanti. Il-WP.29 ipproduċa linji gwida separati dwar din il-kwistjoni: Il-Linji Gwida tal-WP.29 dwar it-Teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati u t-Tfassil ta' Profili għall-fini tar-Regolament 2016/679, it-3 ta' Ottubru 2017 (WP.251).

<sup>49</sup> Ara wkoll l-Opinjoni 15/2011 tal-WP.29 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP.187), p. 25.

95. Organizzazzjoni tista' tikseb kunsens espliċitu permezz ta' konversazzjoni fuq it-telefown ukoll, dment li l-informazzjoni dwar l-għażla tkun ġusta, tinftiehem u ċara, u tkun titlob konferma speċifika mis-suġġett tad-*data* (eż. jagħfas buttuna jew jipprovdi konferma orali).

96. Eżempju 17: Kontrollur tad-*data* jista' jikseb kunsens espliċitu wkoll minn viżitatur tas-sit web tiegħu billi joffri skrin ta' kunsens espliċitu li jinkludi kaxxi li jistgħu jiġu mmarkati b'iva jew Le, dment li t-test ikun jindika l-kunsens b'mod ċar, pereżempju "Jien b'dan nagħti l-kunsens għall-ipproċessar tad-*data* tiegħi", u mhux pereżempju, "Huwa ċar għalija li d-*data* tiegħi se tiġi pproċessata". Huwa ovvju li għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-kunsens infurmat kif ukoll il-kundizzjonijiet l-oħra biex jinkiseb kunsens validu.

97. Eżempju 18: Klinika għall-kirurġija kożmetika titlob kunsens espliċitu mingħand pazjent biex tittrasferixxi r-rekord mediku tiegħu għand espert li mingħandu tintalab opinjoni sekondarja dwar il-kundizzjoni tal-pazjent. Ir-rekord mediku huwa fajl diġitali. Minħabba n-natura speċifika tal-informazzjoni kkonċernata, il-klinika titlob firma elettronika mingħand is-suġġett tad-*data* biex tikseb kunsens espliċitu u biex tkun tista' turi li nkiseb kunsens espliċitu.<sup>50</sup>

98. Il-verifikazzjoni tal-kunsens f'żewġ stadji tista' tkun ukoll mod kif jiġi żgurat li l-kunsens espliċitu jkun validu. Pereżempju, suġġett tad-*data* jirċievi email li tinnotifikah dwar l-intenzjoni li l-kontrollur biħsiebu jipproċessa rekord li fih *data* medika. Il-kontrollur jispjega fl-email li huwa jitlob il-kunsens għall-użu ta' sett speċifiku ta' informazzjoni għal fini speċifiku. Jekk is-suġġett tad-*data* jaqbel għall-użu ta' din id-*data*, il-kontrollur jitolbu għal risposta bl-email li jkun fiha d-dikjarazzjoni "Jien naqbel". Wara li tintbagħat ir-risposta, is-suġġett tad-*data* jirċievi link ta' verifika li trid tiġi kklikkjata jew messaġġ SMS b'kodiċi ta' verifika biex jikkonferma l-qbil.

99. L-Artikolu 9(2) ma jirrikonoxxi "meħtieġ għat-twettiq ta' kuntratt" bħala eċċezzjoni għall-projbizzjoni ġenerali fuq l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*. Għalhekk, il-kontrolluri u l-Istati Membri li jiffaċċjaw din is-sitwazzjoni għandhom jesploraw l-eċċezzjonijiet speċifiċi fl-Artikolu 9(2), is-subparagrafi (b) sa (j). Jekk ma tkun applika ebda waħda mill-eċċezzjonijiet (b) sa (j), il-ksib ta' kunsens espliċitu f'konformità mal-kundizzjonijiet għall-kunsens validu fil-GDPR tibqa' l-unika eċċezzjoni legali possibbli biex tiġi pproċessata din id-*data*.

100. Eżempju 19: Linja tal-ajru, Holiday Airways, toffri servizz ta' vvjaġġar assistit għall-passiġġieri li ma jistgħux jivvjaġġaw mingħajr assistenza, pereżempju minħabba f'diżabbiltà. Klijent jibbukja titjira minn Amsterdam sa Budapest u jitlob assistenza tal-ivvjaġġar biex ikun jista' jitla fuq l-ajruplan. Holiday Airways teħtieġ li dan jipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjoni tas-saħħa tiegħu sabiex tkun tista' tagħmel arranġamenti għas-servizzi xierqa għalih (għalhekk, jeżistu bosta possibbiltajiet, eż. siġġu tarroti mal-wasla, jew assistent li jivvjaġġa miegħu minn A sa B). Holiday Airways titlob il-kunsens espliċitu biex tipproċessa d-*data* dwar is-saħħa ta' dan il-klijent għall-fini li jsiru arranġamenti għall-assistenza tal-ivvjaġġar mitluba. -Id-*data* pproċessata abbażi tal-kunsens għandha tkun neċessarja għas-servizz meħtieġ. Barra minn hekk, it-titjiriet għal Budapest jibqgħu disponibbli mingħajr assistenza tal-ivvjaġġar. Jekk jogħġbok osserva li billi d-*data* hija neċessarja għall-forniment tas-servizz mitlub, l-Artikolu 7(4) ma japplikax.

---

<sup>50</sup> Dan l-eżempju huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-UE Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern.

101. Eżempju 20: Kumpanija ta' suċċess hija speċjalizzata fil-forniment ta' nuċċalijiet personalizzati tal-iskijjar u tas-snowboarding, kif ukoll ta' tipi oħra ta' nuċċalijiet personalizzati għall-isport fil-beraħ. L-idea hija li n-nies ikunu jistgħu jilbsu dawn in-nuċċalijiet mingħajr in-nuċċalijiet tagħhom stess. Il-kumpaniji tirċievi l-ordnijiet f'punt ċentrali u tibgħat il-prodotti minn post wieħed għall-madwar l-UE kollha.
102. Sabiex ikun jista' jipprovi l-prodotti personalizzati tiegħu lill-klijenti li ma jarawx mill-bogħod, dan il-kontrollur jitlob il-kunsens għall-użu ta' informazzjoni dwar il-kundizzjoni tal-vista tal-klijenti. Il-klijenti jipprovi d-*data* neċessarja dwar is-saħħa, bħad-*data* online tagħhom dwar il-preskrizzjoni meta jordnaw. Mingħajr dan, ma jkunx possibbli li jiġi pprovdut in-nuċċali adattat għall-utent li jkun intalab. Il-kumpanija toffri wkoll sensiela ta' nuċċalijiet b'valuri korrettivi standardizzati. Il-klijenti li ma jkunux jixtiequ jikkondividu d-*data* dwar saħħithom jistgħu jagħżlu l-verżjonijiet standard. Għalhekk, huwa meħtieġ kunsens espliċitu taħt l-Artikolu 9 u l-kunsens jista' jitqies bħala li ngħata liberament.

## 5 KUNDIZZJONIJET ADDIZZJONALI GĦALL-KSIB TA' KUNSENS VALIDU

103. Il-GDPR jintroduċi rekwiżiti biex il-kontrolluri jagħmlu arranġamenti addizzjonali biex jiżguraw li huma jiksbu, jżommu u jkunu jistgħu juru kunsens validu. L-Artikolu 7 tal-GDPR jistipula dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali għall-kunsens validu, b'dispożizzjonijiet speċifiċi dwar iż-żamma ta' rekords tal-kunsens u d-dritt għall-irtirar faċli tal-kunsens. L-Artikolu 7 japplika wkoll għall-kunsens imsemmi f'artikoli oħra tal-GDPR, eż. l-Artikoli 8 u 9. Hawn taħt tingħata gwida dwar ir-rekwiżit addizzjonali li jiġi muri kunsens validu u dwar l-irtirar tal-kunsens.

### 5.1 Turija tal-kunsens

104. Fl-Artikolu 7(1), il-GDPR jiddeskrivi b'mod ċar l-obbligu espliċitu tal-kontrollur li juri l-kunsens ta' suġġett tad-*data*. Skont l-Artikolu 7(1), l-oneru tal-provi jkun fuq il-kontrollur.
105. Il-Premessa 42 tiddikjara: *"Fejn l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-*data*, il-kontrollur għandu jkun jista' juri li s-suġġett tad-*data* ta l-kunsens tiegħu għall-attività tal-ipproċessar."*
106. Il-kontrollur jistgħu jiżviluppaw metodi biex jikkonformaw ma' din id-dispożizzjoni b'mod li jkun jaqbel mal-operazzjonijiet tagħhom ta' kuljum. Fl-istess ħin, id-dmir li jiġi muri li kontrollur ikun kiseb kunsens validu ma għandux, fih innifsu, iwassal għal ammonti eċċessivi ta' pproċessar tad-*data* addizzjonali. Dan ifisser li l-kontrolluri għandu jkollhom biżżejjed *data* biex juru rabta għall-ipproċessar (biex juru li jkun inkiseb il-kunsens), iżda ma għandhomx jiġbru aktar informazzjoni milli meħtieġ.
107. Hija r-responsabbiltà tal-kontrollur li jagħti prova li l-kunsens ikun inkiseb liberament mingħand is-suġġett tad-*data*. Il-GDPR ma jippreskrivix eżattament kif dan għandu jsir. Madankollu, il-kontrollur irid ikun kapaċi jagħti prova li, f'każ partikolari, is-suġġett tad-*data* jkun ta l-kunsens. Dment li tkun għadha għaddejja l-attività tal-ipproċessar tad-*data* inkwistjoni, ikun għad hemm l-obbligu li jiġi muri l-kunsens. Wara li tintemm l-attività tal-ipproċessar, il-prova tal-kunsens ma għandhiex tinżamm aktar milli strettament meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali jew għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali, f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) u (e).
108. Pereżempju, il-kontrollur jista' jżomm reġistru tad-dikjarazzjonijiet ta' kunsens li jirċievi, sabiex ikun jista' juri kif u meta nkiseb il-kunsens, kif ukoll l-informazzjoni pprovduta lis-suġġett tad-*data* f'dak iż-żmien. Il-kontrollur għandu jkun jista' juri wkoll li s-suġġett tad-*data* ġie infurmat u li l-fluss tax-xogħol tal-kontrollur issodisfa l-kriterji rilevanti kollha għal kunsens validu. Ir-raġunament wara dan l-obbligu fil-GDPR huwa li l-kontrolluri jridu jkunu responsabbli fir-rigward tal-ksib ta' kunsens validu mis-suġġetti tad-*data* u fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' kunsens li jkunu stabbilew. Pereżempju, f'kuntest

online, kontrollur jista' jżomm informazzjoni dwar is-sessjoni li fiha jkun ingħata l-kunsens, flimkien ma' dokumentazzjoni tal-fluss ta' ħidma tal-kunsens fil-ħin tas-sessjoni, u kopja tal-informazzjoni li għet ippreżentata lis-suġġett tad-*data* f'dak il-ħin. Ma jkunx biżżejjed li sempliċiment issir referenza għall-konfigurazzjoni korretta tas-sit web rispettiv.

109. Eżempju 21: Sptar jistabbilixxi programm ta' riċerka xjentifika, imsejjaħ proġett X, li għalih huma neċessarji r-rekords dentali ta' pazjenti reali. Il-parteċipanti huma rreklutati permezz ta' telefonati lil pazjenti li b'mod volontarju qablu biex ikunu fuq lista ta' kandidati li jistgħu jiġu kkuntattjati għal dan il-fini. Il-kontrollur jitlob il-kunsens espliċitu mingħand is-suġġetti tad-*data* biex juża r-rekords dentali tagħhom. Il-kunsens jinkiseb matul telefonata billi tiġi rrekordjata dikjarazzjoni orali tas-suġġett tad-*data* li fiha dan jikkonferma li huwa jaqbel mal-użu tad-*data* tiegħu għall-fini tal-proġett X.

110. Ma hemmx limitu ta' żmien speċifiku fil-GDPR għal kemm idum il-kunsens. Il-kuntest idum validu skont il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunsens oriġinali u l-aspettattivi tas-suġġett tad-*data*. Jekk l-operazzjonijiet tal-ipproċessar jinbidlu jew jevolvu b'mod konsiderevoli, allura l-kunsens oriġinali ma jibqax validu. Jekk dan ikun il-każ, allura jrid jinkiseb kunsens ġdid.

111. L-EDPB jirrakkomanda li l-kunsens għandu jerġa' jintalab f'intervalli xierqa. Għal darb'oħra, il-forniment tal-informazzjoni kollha tgħin biex jiġi żgurat li s-suġġett tad-*data* jibqa' infurmat sew dwar kif id-*data* tiegħu tkun qed tintuża u kif jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu.<sup>51</sup>

## 5.2 Rtirar tal-kunsens

112. L-irtirar tal-kunsens jingħata post prominenti fil-GDPR. Id-dispożizzjonijiet u l-premessi dwar l-irtirar tal-kunsens fil-GDPR jistgħu jitqiesu bħala kodifikazzjoni tal-interpretazzjoni eżistenti ta' din il-kwistjoni fl-Opinjoni tal-WP.29.<sup>52</sup>

113. L-Artikolu 7(3) tal-GDPR jippreskrivi li l-kontrollur irid jiżgura li l-kunsens jista' jiġi rtirat mis-suġġett tad-*data* daqstant faċilment daqs meta jingħata l-kunsens, u fi kwalunkwe ħin. Il-GDPR ma jgħidx li l-għoti u l-irtirar tal-kunsens irid isir dejjem permezz tal-istess azzjoni.

114. Madankollu, meta l-kunsens jinkiseb permezz ta' mezzi elettroniċi bi klikk, "swipe" jew ittastjar wieħed, fil-prattika, is-suġġetti tad-*data* jridu jkunu jistgħu jirtiraw dak il-kunsens daqstant faċilment. Fejn il-kunsens jinkiseb permezz tal-użu ta' interfaċċja għall-utent li tkun speċifika għas-servizz (pereżempju, permezz ta' sit web, applikazzjoni, kont personalizzat, interfaċċja ta' apparat konness mal-internet tal-oġġetti, jew permezz ta' email), ma hemmx dubju li suġġett tad-*data* jrid ikun jista' jirtira l-kunsens permezz tal-istess interfaċċja għall-utent, billi t-trasferiment għal interfaċċja oħra għas-sempliċi raġuni tal-irtirar tal-kunsens ikun jeħtieġ sforz mhux xieraq. Barra minn hekk, is-suġġett tad-*data* għandu jkun jista' jirtira l-kunsens tiegħu mingħajr detriment. Dan ifisser, fost l-oħrajn, li

---

<sup>51</sup> Ara l-linji gwida tal-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-trasparenza skont ir-Regolament 2016/679 WP.260 rev.01 - approvati mill-EDPB.

<sup>52</sup> Il-WP.29 iddiskuta dan is-suġġett fl-Opinjoni tiegħu dwar il-kunsens (ara l-Opinjoni 15/2011 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), pp. 9, 13, 20, 27 u 32-33) u, fost l-oħrajn, l-Opinjoni tiegħu dwar l-użu ta' *data* dwar il-lokazzjoni. (ara l-Opinjoni 5/2005 dwar l-użu ta' *data* dwar il-lokazzjoni bil-ħsieb li jingħataw servizzi b'valur miżjud (WP 115), p. 7).



kontrollur irid jagħmel l-irtirar tal-kunsens possibbli mingħajr ħlas jew mingħajr ma jnaqqas il-livelli ta' servizz.<sup>53</sup>

115. Eżempju 22: Festival mużikali jbigħ il-biljetti permezz ta' aġent li jbigħ il-biljetti online. Ma kull bejgħ online ta' biljett, jintalab il-kunsens biex jintużaw id-dettalji ta' kuntatt għall-fini ta' kummerċjalizzazzjoni. Biex jindikaw il-kunsens għal dan il-għan, il-klijenti jistgħu jagħżlu jew Le jew Iva. Il-kontrollur jinforma lill-klijenti li huma għandhom il-possibbiltà li jirtiraw il-kunsens. Biex jagħmlu dan, huma jistgħu jikkuntattjaw ċentru telefoniku fil-jiem ta' negozju bejn it-8:00am u l-5:00pm, mingħajr ħlas. F'dan l-eżempju, il-kontrollur ma jikkonformax mal-Artikolu 7(3) tal-GDPR. F'dan il-każ, l-irtirar tal-kunsens jeħtiegħ telefonata matul il-ħin tan-negozju, u dan huwa aktar oneruż mill-klikk waħda meħtiegħa biex jingħata l-kunsens permezz tal-bejjiegħ tal-biljetti online, li huwa miftuħ 24/7.
116. Fil-GDPR, ir-rekwiżit ta' rtirar faċli huwa deskritt bħala aspett neċessarju tal-kunsens validu. Jekk id-dritt tal-irtirar ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti tal-GDPR, allura l-mekkaniżmu ta' kunsens tal-kontrollur ma jkunx jikkonforma mal-GDPR. Kif jissema fit-Taqsima 3.1 dwar il-kundizzjoni ta' kunsens *infurmat*, skont l-Artikolu 7(3) tal-GDPR, il-kontrollur irid jinforma lis-suġġett tad-*data* dwar id-dritt li jirtira l-kunsens qabel ma jagħti l-kunsens. Barra minn hekk, bħala parti mill-obbligu ta' trasparenza, il-kontrollur irid jinforma lis-suġġetti tad-*data* dwar kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.<sup>54</sup>
117. Bħala regola ġenerali, jekk il-kunsens jiġi rtirat, l-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar tad-*data* li kienu bbażati fuq il-kunsens u li jkunu seħħew qabel l-irtirar tal-kunsens - u f'konformità mal-GDPR - jibqgħu legali, madankollu l-kontrollur irid iwaqqaf l-azzjonijiet ta' pproċessar ikkonċernati. Jekk ma jkunx hemm bażi legali oħra li tiġġustifika l-ipproċessar (eż. ħżin ulterjuri) tad-*data*, din jenħtiegħ titfassar mill-kontrollur.<sup>55</sup>
118. Kif jissema preċedentement f'dawn il-linji gwida, huwa importanti ħafna li qabel ma jiġbru d-*data*, il-kontrolluri jivvalutaw il-fini li għalihom id-*data* tiġi pproċessata, kif ukoll il-bażijiet legali li fuqhom ikunu bbażati. Spiss, il-kumpaniji jeħtiegħu d-*data* personali għal bosta fini, u l-ipproċessar ikun ibbażat fuq aktar minn bażi legali waħda, eż. id-*data* dwar il-klijent tista' tkun ibbażata fuq kuntratt u fuq il-kunsens. Għalhekk, l-irtirar tal-kunsens ma jfissirx li kontrollur irid iħassar id-*data* li ġiet ipproċessata għal fini li jkun ibbażat fuq it-twettiq tal-kuntratt mas-suġġett tad-*data*. Għalhekk, il-kontrolluri għandhom ikun ċari mill-ewwel dwar liema fini japplika għal-liema element tad-*data*, u liema bażi legali jkun qed jintuża.
119. Il-kontrolluri għandhom obbligu li jħassru d-*data* li tkun ġiet ipproċessata abbażi tal-kunsens ladarba dak il-kunsens jiġi rtirat, dment li ma jkun hemm ebda fini ieħor li jiġġustifika ż-żamma kontinwa.<sup>56</sup> Minbarra din is-sitwazzjoni koperta fl-Artikolu 17(1)(b), suġġett tad-*data* individwali jista' jitlob it-

---

<sup>53</sup> Ara wkoll l-Opinjoni 4/2010 tal-WP.29 dwar il-kodiċi ta' mgħiba Ewropew tal-FEDMA għall-użu ta' *data* personali f'kummerċjalizzazzjoni diretta (WP.174) u l-Opinjoni dwar l-użu ta' *data* dwar il-lokazzjoni bil-ħsieb li jingħataw servizzi b'valur miżjud (WP.115).

<sup>54</sup> Il-Premessa 39 tal-GDPR, li tirreferi għall-Artikoli 13 u 14 ta' dak ir-Regolament, tiddikjara li "*għandha tingħbed l-attenzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tar-riskji, ir-regoli, is-salvagwardji u d-drittijiet b'rabta mal-ipproċessar ta' data personali u kif għandhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'rabta ma' tali pproċessar.*

<sup>55</sup> Ara l-Artikolu 17(1)(b) u (3) tal-GDPR.

<sup>56</sup> F'dak il-każ, il-fini l-ieħor li jiġġustifika l-ipproċessar irid ikollu l-bażi legali separata tiegħu. Dan ma jfissirx li l-kontrollur jista' jaqleb mill-kunsens għal bażi legali oħra, ara t-Taqsima 6 hawn taħt.

tħassir ta' *data* oħra li tikkonċernah li tkun ipproċessata fuq bażi legali oħra, eż. abbażi tal-Artikolu 6(1)(b).<sup>57</sup> Il-kontrolluri huma obbligati jivvalutaw jekk l-ipproċessar kontinwu tad-*data* inkwistjoni huwiex xieraq, anke fin-nuqqas ta' talba għat-tħassir mis-suġġett tad-*data*.<sup>58</sup>

120. F'każijiet fejn is-suġġett tad-*data* jirtira l-kunsens tiegħu u l-kontrollur ikun jixtieq ikompli jipproċessa d-*data* personali fuq bażi legali oħra, dan ma jistax jittrasferixxi bil-moħbi mill-bażyi legali tal-kunsens (li tkun irtirata) għal bażyi legali oħra. Kwalunkwe bidla fil-bażyi legali għall-ipproċessar trid tiġi nnotifikata lis-suġġett tad-*data* f'konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Artikoli 13 u 14 u taħt il-prinċipju ġenerali tat-trasparenza.

## 6 INTERAZZJONI BEJN IL-KUNSENS U BAŻIJET LEGALI OĦRA FL-ARTIKOLU 6 TAL-GDPR

121. L-Artikolu 6 jissettja l-kundizzjonijiet għall-ipproċessar legali tad-*data* personali u jiddeskrivi sitt bażyiiet legali li fuqhom jista' joqgħod il-kontrollur. L-applikazzjoni ta' wieħed minn dawn is-sitt bażyiiet trid tiġi stabbilita qabel l-attività tal-ipproċessar u b'relazzjoni ma' fini speċifiku.<sup>59</sup>
122. Huwa importanti li jiġi osservat hawnhekk li jekk kontrollur jagħżel li jiddependi fuq il-kunsens għal kwalunkwe parti mill-ipproċessar, dan irid ikun lest jirrispetta dik l-għażla u jwaqqaf dik il-parti tal-ipproċessar jekk individwu jirtira l-kunsens. Jekk jintbagħat messaġġ li d-*data* se tiġi pproċessata abbażyi tal-kunsens, filwaqt li fil-fatt tkun qed tintuża xi bażyi legali oħra, ikun fundamentament inġust fil-konfront tal-individwi.
123. Fi kliem ieħor, il-kontrollur ma jistax jaqleb mill-kunsens għal bażyiiet legali oħra. Pereżempju, f'każijiet fejn jinstabu problemi relatati mal-validità tal-kunsens, mhuwiex permess li, retrospettivament, jintuża l-bażyi ta' interess leġittimu sabiex jiġi ġġustifikat l-ipproċessar. Minħabba r-rekwiżit li tiġi ddivulgata l-bażyi legali li fuqha l-kontrollur ikun qed jiddependi fi żmien il-ġbir tad-*data* personali, il-kontrolluri jridu jkunu ddeċidew minn qabel il-ġbir liema bażyi legali tkun applikabbli.

## 7 OQSMA SPEĊIFIĊI TA' TĤASSIB FIL-GDPR

### 7.1 Tfal (Artikolu 8)

124. Meta mqabbel mad-direttiva attwali, il-GDPR johlq saff addizzjonali ta' protezzjoni fejn tiġi pproċessata d-*data* personali ta' persuni fiżiċi vulnerabbli, speċjalment tfal. L-Artikolu 8 jintroduċi obbligi addizzjonali biex jiġi żgurat livell imsaħħaħ ta' protezzjoni tad-*data* tat-tfal b'relazzjoni mas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Ir-raġunijiet għall-protezzjoni msaħħa huma speċifikati fil-Premessa 38: "*[...] dawn jistgħu jkunu inqas konxji tar-riskji, il-konsegwenzi u s-salvagwardji u d-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali [...]*" Il-Premessa 38 tiddikjara wkoll li "*Tali protezzjoni speċifika għandha, b'mod partikolari, tapplika għall-użu ta' data personali tal-minorenni għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jew biex jinħolqu profili ta' personalità jew ta' utent u l-ġbir ta' data personali fir-rigward tal-minorenni meta jsir użu minn servizzi offrti direttament lill-*

<sup>57</sup> Ara l-Artikolu 17, inklużi xi eċċezzjonijiet li jistgħu japplikaw, u l-Premessa 65 tal-GDPR.

<sup>58</sup> Ara wkoll l-Artikolu 5(1)(e) tal-GDPR.

<sup>59</sup> Skont l-Artikoli 13(1)(c) u/jew 14(1)(c), il-kontrollur irid jinforma lis-suġġett tad-*data* dwar dan.

*minorenni.*” Il-kliem “b’mod partikolari” jindikaw li l-protezzjoni speċifika mhijiex limitata għall-kummerċjalizzazzjoni jew għat-tfassil ta’ profili, iżda tinkludi wkoll il-“għbir ta’ *data* personali fir-rigward tal-minorenni”.

125. L-Artikolu 8(1) jiddikjara li fejn japplika l-kunsens, b’relazzjoni ma’ servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni offruti direttament lil minorenni, l-ipproċessar tad-*data* personali ta’ minorenni għandu jkun legali fejn il-minorenni jkollu mill-inqas 16-il sena. Meta l-minorenni jkollu anqas minn 16-il sena, tali pproċessar ikun legali biss jekk, u sal-punt li, il-kunsens jingħata jew jiġi awtorizzat mid-detentur tar-responsabbiltà ta’ ġenitur fuq il-minorenni.<sup>60</sup> Rigward il-limitu tal-età tal-kunsens validu, il-GDPR jipprovdi flessibbiltà, u l-Istati Membri jistgħu jipprovdu età aktar baxxa bil-liġi, iżda din l-età ma tistax tkun inqas minn 13-il sena.
126. Kif jissemma fit-Taqsima 3.1 dwar il-kunsens infurmat, l-informazzjoni għandha tkun tinftiehem mill-udjenza indirizzata mill-kontrollur, b’attenzjoni partikolari għall-pożizzjoni ta’ minorenni. Sabiex jinkiseb “kunsens infurmat” mingħand minorenni, il-kontrollur irid jispjega f’lingwaġġ li jkun ċar u sempliċi għat-tfal kif huwa jkun biĥsiebu jipproċessa d-*data* li huwa jiġbor.<sup>61</sup> Jekk ikun il-ġenitur li suppost jagħti l-kunsens, allura jista’ jkun meħtieġ sett ta’ informazzjoni li jippermetti lill-adulti jagħmlu deċiżjoni infurmata.
127. Minn dan ta’ hawn fuq, huwa ċar li l-Artikolu 8 għandu japplika biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- ) L-ipproċessar huwa relatat ma’ servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni offruti direttament lil minorenni.<sup>62, 63</sup>
  - ) L-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens.

---

<sup>60</sup> Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-liġi ta’ Stat Membru tidderoga mil-limitu tal-età, ara l-Artikolu 8(1).

<sup>61</sup> Il-Premessa 58 tal-GDPR terġa’ tafferma dan l-obbligu, billi tiddikjara li fejn xieraq, kontrollur għandu jiżgura li l-informazzjoni pprovduta tinftiehem mit-tfal.

<sup>62</sup> Skont l-Artikolu 4(25) tal-GDPR, servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni tfisser servizz kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2015/1535: “(b) “servizz” tfisser kull servizz tas-Soċjetà tal-Informatika, jiġifieri kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b’mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta’ riċevitur ta’ servizzi. Għall-għanijiet ta’ din id-definizzjoni: (i) “mill-bogħod” tfisser li s-servizz jiġi pprovdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti simultanjament; (ii) “b’mezzi elettroniċi” tfisser li fil-bidu s-servizz jintbagħat u jiġi rċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta’ tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompresjoni diġitali) u l-ħażna ta’ data, u dan jiġi trażmess, imwassal u rċevut għalkollox permezz ta’ wajers, bir-radju, b’mezzi ottiċi jew b’mezzi elettro-manjetiċi oħra; (iii) “fuq it-talba individwali ta’ riċevitur ta’ servizzi” tfisser li s-servizz jiġi fornut permezz ta’ trażmissjoni ta’ data dwar it-talba individwali.” Lista indikattiva ta’ servizzi li mhumiex koperti minn din id-definizzjoni hija stipulata fl-Anness I tad-Direttiva msemmija. Ara wkoll il-Premessa 18 tad-Direttiva 2000/31.

<sup>63</sup> Skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, l-Artikolu 1, “[...] minorenni tfisser kull bniedem taħt l-età ta’ 18-il sena dment li skont il-liġi applikabbli għall-minorenni, l-età maġġuri ma tintlaħxaq qabel, ara n-Nazzjonijiet Uniti, ir-Riżoluzzjoni 44/25 tal-20 ta’ Novembru 1989 tal-Assemblea Ġenerali (il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal).

### 7.1.1 Servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni

128. Biex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tat-terminu "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" fil-GDPR, l-Artikolu 4(25) tal-GDPR jirreferi għad-Direttiva 2015/1535.
129. Filwaqt li jivvaluta l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-definizzjoni, l-EDPB jirreferi wkoll għall-każistika tal-QtĠ.<sup>64</sup> Il-QtĠ ddeċidiet li *servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni* jkopru kuntratti u servizzi oħra li huma konklużi jew trażmessi online. Fejn servizz ikollu żewġ komponenti ekonomikament indipendenti, li wieħed minnhom ikun il-komponent online, bħall-offerta u l-aċċettazzjoni ta' offerta fil-kuntest tal-konklużjoni ta' kuntratt jew tal-informazzjoni relatata ma' prodotti jew servizzi, inklużi attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni, dan il-komponent jiġi ddefinit bħala servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni, u l-komponent l-ieħor li jkun it-twassil jew id-distribuzzjoni ta' oġġetti ma huwiex kopert mill-kunċett ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni. It-twassil online ta' servizz ikun jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tat-terminu *servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni* fl-Artikolu 8 tal-GDPR.

### 7.1.2 Offrut direttament lil minorenni

130. L-inklużjoni tal-formulazzjoni "offruti direttament lill-minorenni" jindika li l-Artikolu 8 huwa intenzjonat li japplika għal xi wħud mis-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, u mhux għal kollha kemm huma. F'dan ir-rigward, jekk fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni jagħmilha ċara lill-utenti potenzjali li huwa qed joffri s-servizz tiegħu lil persuni li għandhom aktar minn 18-il sena biss, u dan ma jkunx imminat minn evidenza oħra (bħall-kontenut tas-sit web jew il-pjanijiet ta' kummerċjalizzazzjoni), allura s-servizz ma jitqiesx bħala li huwa "offrut direttament lil minorenni" u l-Artikolu 8 ma japplikax.

### 7.1.3 Età

131. Il-GDPR jispeċifika li "*L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal età inqas għal daww il-finijiet sakemm tali età inqas ma tkunx inqas minn 13-il sena.*" Il-kontrollur irid ikun konxju minn daww il-liġijiet nazzjonali differenti, billi jieħdu inkonsiderazzjoni l-pubbliku fil-mira tas-servizzi tiegħu. B'mod partikolari għandu jiġi osservat li kontrollur li jipprovi servizz transfruntier ma jistax dejjem joqgħod fuq il-konformità mal-liġi tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit prinċipalment, iżda jista' jkun jeħtieġ jikkonforma mal-liġijiet nazzjonali rispettivi ta' kull Stat Membru li fih huwa joffri s-servizz(i) tas-soċjetà tal-informazzjoni. Dan jiddependi fuq jekk Stat Membru jagħzix li juża l-post ta' stabbiliment prinċipali ta' kontrollur bħala punt ta' referenza fil-liġi nazzjonali tiegħu, jew inkella r-residenza tas-suġġett tad-*data*. L-ewwel nett, l-Istati Membri għandhom iqisu l-aħjar interessi tal-minorenni meta jagħmlu l-għażla tagħhom. Il-Grupp ta' Ħidma jhegġegħ lill-Istati Membri biex ifittxu soluzzjoni armonizzata f'din il-kwistjoni.
132. Meta jipprovdu servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni lil minorenni abbażi tal-kunsens, il-kontrolluri huma mistennija jagħmlu sforzi raġonevoli biex jivverifikaw li l-utent ikun ikbar mill-età tal-kunsens diġitali, u dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonali għan-natura u r-riskji tal-attivitajiet tal-ipproċessar.
133. Jekk l-utenti jiddikjaraw li huma ikbar mill-età tal-kunsens diġitali, allura l-kontrollur jista' jwettaq kontrolli xierqa biex jivverifika li din id-dikjarazzjoni hija minnha. Għalkemm il-ħtieġa li jsiru sforzi

---

<sup>64</sup> Ara l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, it-2 ta' Diċembru 2010, il-Kawża C-108/09, (*Ker-Optika*), il-paragrafi 22 u 28. B'relazzjoni ma' "servizzi mħallta", l-EDPB jirreferi wkoll għall-Kawża C-434/15 (*Asociacion Profesional Elite Taxi vs Uber Systems Spain SL*), il-paragrafu 40, li jiddikjara li servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jiffirma parti integrali minn servizz kumplessiv li l-komponent prinċipali tiegħu ma jkunx servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni (f'dan il-każ servizz ta' trasport), ma jistax jiġi kkwalifikat bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni".

raġonevoli għall-verifika tal-età mhijiex espliċita fil-GDPR, din hija meħtieġa b'mod impliċitu, billi jekk minorenni jagħti l-kunsens meta ma jkunx kbir biżżejjed biex jipprovdi kunsens validu f'ismu stess, allura dan irendi l-ipproċessar tad-*data* illegali.

134. Jekk utent jiddikjara li huwa taħt l-età tal-kunsens diġitali, allura l-kontrollur jista' jaċċetta din iddikjarazzjoni mingħajr kontrolli ulterjuri, iżda jkun jeħtieġ jikseb awtorizzazzjoni mingħand il-ġenituri u jivverifika li l-persuna li tipprovdi l-kunsens ikollha r-responsabbiltà ta' ġenitur.
135. Il-verifika tal-età ma għandhiex twassal għal ipproċessar eċċessiv tad-*data*. Il-mekkaniżmu magħżul għall-verifika tal-età ta' suġġett tad-*data* għandha tinvolvi valutazzjoni tar-riskju tal-ipproċessar propost. F'xi sitwazzjonijiet ta' riskju baxx, jista' jkun xieraq li abbonat ġdid għal servizz ikun meħtieġ jiżvela s-sena meta twieled jew jimla formola li tiddikjara li huwa (mhuwiex) minorenni.<sup>65</sup> Jekk il-kontrollur ikollu dubju, huwa għandu jirrevedi l-mekkaniżmi tiegħu ta' verifika tal-età f'każ partikolari u jqis jekk humiex meħtieġa kontrolli alternattivi.<sup>66</sup>

#### 7.1.4 Il-kunsens tat-tfal u r-responsabbiltà tal-ġenituri

136. Rigward l-awtorizzazzjoni ta' detentur ta' responsabbiltà ta' ġenitur, il-GDPR ma jispeċifikax modi prattiċi kif jista' jinkiseb il-kunsens tal-ġenitur jew kif jista' jiġi stabbilit li xi ħadd ikollu d-dritt iwettaq din l-azzjoni.<sup>67</sup> Għalhekk, l-EDPB jirrakkomanda l-adozzjoni ta' approċċ proporzjonat, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tal-GDPR u l-Artikolu 5(1)(c) tal-GDPR (minimizzazzjoni tad-*data*). Approċċ proporzjonat jista' jkun il-fokus fuq il-ksib ta' ammont limitat ta' informazzjoni, bħad-dettalji ta' kuntatt ta' ġenitur jew ta' gwardjan.
137. Dak li huwa raġonevoli, kemm f'termini ta' verifika li utent huwa kbir biżżejjed biex jagħti l-kunsens għalih innifsu kif ukoll f'termini ta' verifika li persuna li tagħti l-kunsens f'isem minorenni jkollha responsabbiltà ta' ġenitur, jista' jiddependi fuq ir-riskji inerenti fl-ipproċessar u fuq it-teknoloġija disponibbli. F'każijiet ta' riskju baxx, tista' tkun biżżejjed verifika tar-responsabbiltà tal-ġenituri permezz tal-posta elettronika. Għall-kuntrarju, f'każijiet ta' riskju għoli, jista' jkun xieraq li tintalab aktar prova, sabiex il-kontrollur ikun jista' jivverifika u jżomm l-informazzjoni skont l-Artikolu 7(1) tal-GDPR.<sup>68</sup> Servizzi fdati ta' verifika ta' partijiet terzi jistgħu joffru soluzzjonijiet li jimminimizzaw l-ammont ta' *data* personali li l-kontrollur irid jipproċessa huwa nnifsu.

138. **Eżempju 23:** Pjattaforma online tal-logħob tal-azzard trid tiżgura li klijenti ta' taħt l-età jabbonaw għas-servizzi tagħha biss bil-kunsens tal-ġenituri jew tal-kustodji tagħhom. Il-kontrollur isegwi dawn il-passi:

---

<sup>65</sup> Għalkemm din tista' ma tkunx soluzzjoni ideali fil-każijiet kollha, hija eżempju ta' kif tista' tiġi indirizzata din id-dispożizzjoni.

<sup>66</sup> Ara l-Opinjoni 5/2009 tal-WP.29 dwar is-servizzi ta' networks soċjali (WP.163).

<sup>67</sup> Il-WP.29 josserva li mhuwiex dejjem il-każ li d-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri ikun il-ġenitur naturali tal-minorenni, u li r-responsabbiltà tal-ġenituri tista' tkun ta' bosta partijiet li jistgħu jinkludu persuni ġuridiċi kif ukoll fiżiċi.

<sup>68</sup> Pereżempju, ġenitur jew kustodju jistgħu jintalbu jagħmlu pagament ta' EUR 0,01 lill-kontrollur permezz ta' operazzjoni bankarja, fejn jinkludu konferma fil-qosor fil-linja deskrittiva tal-operazzjoni li d-detentur tal-kont tal-bank għandu responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-utent. Fejn xieraq, għandu jiġi pprovdut metodu alternattiv ta' verifika biex jiġi evitat trattament diskriminatorju mhux xieraq ta' persuni li ma għandhomx kont tal-bank.

139. Stadju 1: jistaqsi lill-utent biex jiddikjara jekk humiex taħt jew aktar minn 16-il sena (jew età alternattiva ta' kunsens diġitali). Jekk l-utent jiddikjara li huma taħt l-età ta' kunsens diġitali:
140. Pass Nru 2: is-servizz għandu jinforma lill-minorenni li ġenitur jew kuratur irid jagħti l-kunsens tiegħu jew jawtorizza l-ipproċessar qabel is-servizz jingħata lill-minorenni. L-utent jintalab jiżvela l-indirizz tal-email ta' ġenitur jew ta' kuratur.
141. Pass 3: is-servizz jikkuntattja lill-ġenitur jew lill-kuratur u jikseb il-kunsens tagħhom għall-ipproċessar permezz tal-email, u jieħu passi raġonevoli biex jikkonferma li l-adult għandu responsabbiltà tal-ġenituri.
142. Stadju 4: f'każ ta' lmenti, il-pjattaforma tieħu passi addizzjonali biex tivverifika l-età tal-abbonat.
143. Jekk il-pjattaforma tkun issodisfat ir-rekwiżiti l-oħra għall-kunsens, il-pjattaforma tista' tikkonforma mal-kriterji addizzjonali tal-Artikolu 8 tal-GDPR billi ssegwi dawn il-passi.

144. Dan l-eżempju juri li kontrollur jista' jqiegħed lilu nnifsu f'pożizzjoni li turi li saru sforzi raġonevoli biex jiġi żgurat li jkun inkiseb kunsens validu, b'relazzjoni mas-servizzi pprovduti lil minorenni. B'mod partikolari, l-Artikolu 8(2) jżid jgħid li *"Il-kontrollur għandu jagħmel sforzi raġonevoli biex jivverifika f'tali każijiet li l-kunsens jingħata jew jiġi awtorizzat mid-detentur tar-responsabbiltà ta' ġenitur fuq il-minorenni, b'kont meħud tat-teknoloġija disponibbli."*
145. Hija r-responsabbiltà tal-kontrollur li jiddetermina x'miżuri jkunu xierqa f'każ speċifiku. Bħala regola ġenerali, il-kontrolluri għandhom jevitaw soluzzjonijiet ta' verifika li minnhom infushom jinvolvu l-għbir eċċessiv ta' *data* personali.
146. L-EDPB tirrikonoxxi li jista' jkun hemm każijiet fejn il-verifika tkun tippreżenta sfida (pereżempju fejn minorenni li jagħtu l-kunsens għalihom infushom ma jkunux għadhom stabbilew "impronta tal-identità", jew fejn ir-responsabbiltà tal-ġenituri ma' tistax tiġi ċċekkjata faċilment. Dan jista' jittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi deċiż xi sforzi huma raġonevoli, iżda l-kontrolluri se jkunu mistennija wkoll li jżommu l-proċessi u t-teknoloġija disponibbli tagħhom taħt reviżjoni kostanti.
147. Fir-rigward tal-awtonomija tas-suġġett tad-*data* biex jagħti l-kunsens għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu u biex ikollu kontroll sħiħ fuq l-ipproċessar, il-kunsens mogħti jew awtorizzat minn detentur ta' responsabbiltà ta' ġenitur għall-ipproċessar tad-*data* personali ta' minorenni jista' jiġi kkonfermat, immodifikat jew irtirat ladarba s-suġġett tad-*data* jilħaq l-età tal-kunsens diġitali.
148. Fil-prattika, dan ifisser li jekk minorenni ma jieħu ebda azzjoni, il-kunsens mogħti jew awtorizzat minn detentur ta' responsabbiltà ta' ġenitur għall-ipproċessar tad-*data* personali li jkun ingħata qabel l-età tal-kunsens diġitali jibqa' bażi valida għall-ipproċessar.
149. Wara li jilħaq l-età tal-kunsens diġitali, il-minorenni jkollu l-possibbiltà li jirtira l-kunsens huwa nnifsu, f'konformità mal-Artikolu 7(3). F'konformità mal-prinċipji tal-ġustizzja u tal-obbligu ta' rendikont, il-kontrollur irid jinforma lill-minorenni dwar din il-possibbiltà.<sup>69</sup>
150. Huwa importanti li tingħid l-attenzjoni għall-fatt li, skont il-Premessa 38, il-kunsens mogħti minn ġenitur jew kustodju mhuwiex meħtieġ fil-kuntest ta' servizzi preventivi jew ta' konsulenza offruti

<sup>69</sup> Barra minn hekk, is-suġġetti tad-*data* għandhom ikunu konxji mid-dritt li wieħed jintnesa kif stabbilit fl-Artikolu 17, li hija partikolarment rilevanti għall-kunsens mogħti meta s-suġġetti tad-*data* kien għadu minorenni, ara l-Premessa 63.

direttament lil minorenni. Pereżempju, il-forniment ta' servizz ta' protezzjoni tat-tfal offrut lil minorenni online permezz ta' servizz ta' "chat" ma jeħtieġx awtorizzazzjoni preċedenti minn ġenitur.

151. Fl-aħħar nett, il-GDPR jiddikjara li r-regoli li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni tal-ġenituri fil-konfront tal-minorenni ma għandhomx jinterferixxu mad-"dritt ġenerali tal-Istati Membri dwar il-kuntratti bħar-regoli dwar il-validità, it-tiswir jew l-effett ta' kuntratt fir-rigward ta' minorenni". Għalhekk, ir-rekwiżiti għall-kunsens validu għall-użu tad-*data* dwar il-minorenni huma parti minn qafas legali li jrid jitqies bħala separat mil-liġi nazzjonali dwar il-kuntratti. Għalhekk, id-dokument ta' gwida ma jindirizzax il-kwistjoni dwar jekk huwiex legali li minorenni jikkonkludi kuntratti online. Iż-żewġ sistemi legali jistgħu japplikaw simultanjamment, u l-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR ma jinkludix l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-liġi dwar il-kuntratti.

## 7.2 Riċerka xjentifika

152. Id-definizzjoni ta' fini ta' riċerka xjentifika għandha ramifikazzjonijiet sostanzjali għall-firxa ta' attivitajiet ta' pproċessar tad-*data* li kontrollur jista' jwettaq. It-terminu "*riċerka xjentifika*" mhuwiex iddefinit fil-GDPR. Il-Premessa 159 tiddikjara li "(...) *Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-ipproċessar tad-*data* personali għal finijiet ta' riċerka xjentifika għandu jkun interpretat b'mod wiesa'. (...)*", madankollu l-EDPB iqis li dan il-kunċett ma jstax jiġġebbed lil hinn mit-tifsira komuni tiegħu u jifhem li f'dan il-kuntest, "*riċerka xjentifika*" tfisser proġett ta' riċerka stabbilit f'konformità mal-istandards metodoloġiċi u ta' etika rilevanti relatati mas-settur, f'konformità mal-prattika tajba.
153. Meta l-kunsens ikun il-bażi legali għat-twettiq ta' riċerka f'konformità mal-GDPR, dan il-kunsens għall-użu tad-*data* personali għandu jkun distint mir-rekwiżiti oħra għall-kunsens li jservu bħala standard ta' etika jew obbligu proċedurali. Eżempju ta' obbligu proċedurali bħal dan, fejn l-ipproċessar ma jkunx ibbażat fuq il-kunsens iżda fuq bażi legali oħra, jista' jinstab fir-Regolament dwar il-Provi Kliniċi. Fil-kuntest tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*, din il-forma ta' kunsens tal-aħħar tista' titqies bħala salvagwardja addizzjonali.<sup>70</sup> Fl-istess ħin, il-GDPR ma jirrestrinġix l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 għall-kunsens biss, fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* għal fini ta' riċerka. Dment li jkunu stabbiliti salvagwardji xierqa, bħar-rekwiżiti taħt l-Artikolu 89(1), u li l-ipproċessar ikun ġust, legali, trasparenti u jikkonforma mal-istandards ta' minimizzazzjoni tad-*data* u drittijiet individwali, jistgħu jkunu disponibbli bażijiet legali oħra bħall-Artikolu 6(1)(e) jew (f).<sup>71</sup> Dan japplika wkoll għal kategoriji speċjali ta' *data* skont id-deroga tal-Artikolu 9(2)(j).<sup>72</sup>
154. Jidher li l-Premessa 33 tagħti ftit flessibbiltà lill-grad ta' speċifikazzjoni u ta' granularità tal-kunsens fil-kuntest tar-riċerka xjentifika. Il-Premessa 33 tipprovdi li: "*Ta' spiss ma jkunx possibbli li jiġi identifikat b'mod sħiħ l-għan tal-ipproċessar tad-*data* personali għal finijiet ta' riċerka xjentifika fil-mument tal-ġbir tad-*data*. Għalhekk jenħtieġ li s-suġġetti tad-*data* jitħallew jagħtu l-kunsens tagħhom għal ċerti oqsma ta' riċerka xjentifika meta dan ikun konformi ma' standards etiċi rikonoxxuti għar-riċerka xjentifika. Jenħtieġ li s-suġġetti tad-*data* jingħataw iċ-ċans li jagħtu l-kunsens tagħhom biss għal ċerti oqsma ta' riċerka jew partijiet ta' proġetti ta' riċerka sa fejn ikun permess mill-iskop maħsub.*"
155. L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li l-Premessa 33 ma teliminax l-obbligi fir-rigward tar-rekwiżit ta' kunsens speċifiku. Dan ifisser li, fil-prinċipju, proġetti ta' riċerka xjentifika jstgħu jinkludu *data* personali abbażi tal-kunsens biss jekk ikollhom fini deskritt sew. Għall-każijiet fejn il-fini għall-ipproċessar tad-*data* fi ħdan proġett ta' riċerka xjentifika ma jstgħux jiġu speċifikati mill-bidu, il-Premessa 33 tippermetti eċċezzjoni li l-fini jista' jiġi deskritt f'livell aktar ġenerali.
156. Meta jitqiesu l-kundizzjonijiet stretti ddikjarati mill-Artikolu 9 tal-GDPR rigward l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data*, l-EDPB josserva li meta jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta' *data* abbażi tal-kunsens espliċitu, l-applikazzjoni tal-approċċ flessibbli tal-Premessa 33 se tkun suġġetta għal interpretazzjoni aktar stretta u tkun teħtieġ livell ogħla ta' skrutinju.

---

<sup>70</sup> Ara wkoll il-Premessa 161 tal-GDPR.

<sup>71</sup> L-Artikolu 6(1)(c) jista' jkun applikabbli wkoll għal partijiet mill-operazzjonijiet ta' pproċessar li huma speċifikament meħtieġa mil-liġi, bħall-ġbir ta' *data* affidabbli u robusta wara l-protokoll kif approvat mill-Istat Membru skont ir-Regolament dwar il-Provi Kliniċi.

<sup>72</sup> L-ittestjar speċifiku ta' prodotti mediċinali jista' jseħħ abbażi ta' liġi tal-UE jew liġi nazzjonali, skont l-Artikolu 9(2)(i).



157. Meta jitqies fl-intier tiegħu, il-GDPR ma jistax jiġi interpretat biex jippermetti li kontrollur jevadi l-prinċipju ewlieni li jispeċifika l-fini li għalihom is-suġġett tad-*data* jintalab jagħti l-kunsens.
158. Meta l-fini tar-riċerka ma jkunux jistgħu jiġu speċifikati bis-sħiħ, kontrollur irid ifittex modi oħra kif jiżgura li l-essenza tar-rekwiżiti għall-kunsens tiġi rrispettata bl-aħjar mod, pereżempju biex is-suġġetti tad-*data* jkun jistgħu jagħtu l-kunsens għall-fini tar-riċerka b'mod aktar ġenerali u għal stadji speċifiċi ta' proġett ta' riċerka li jkun diġà magħruf li se jsejtnu mill-bidu nett. Hekk kif ir-riċerka tavvanza, il-kunsens għal passi sussegwenti fil-proġett jista' jinkiseb qabel jibda dak l-istadju li jmiss. Iżda kunsens bħal dan xorta waħda għandu jikkonforma mal-istandards ta' etika applikabbli għar-riċerka xjentifika.
159. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet il-kontrollur jista' applika aktar salvagwardji. Pereżempju, l-Artikolu 89(1) jenfasizza l-ħtieġa għal salvagwardji fl-attivitajiet ta' pproċessar tad-*data* għal fini xjentifiċi, storiċi jew ta' statistika. Dawn il-fini "*għandhom ikunu suġġetti għal salvagwardji xierqa, f'konformità ma' dan ir-Regolament, għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data.*" Il-minimizzazzjoni tad-*data*, l-anonimizzazzjoni u s-sigurtà tad-*data* jissemmew bħala salvagwardji possibbli.<sup>73</sup> L-anonimizzazzjoni hija s-soluzzjoni preferuta hekk kif il-fini tar-riċerka jkun jista' jinkiseb mingħajr l-ipproċessar tad-*data* personali.
160. It-trasparenza hija salvagwardja addizzjonali meta ċ-ċirkustanzi tar-riċerka ma jippermettux kunsens speċifiku. In-nuqqas ta' speċifikazzjoni tal-fini jista' jiġi kkompensat mill-forniment regolari ta' informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-fini min-naħa tal-kontrolluri, u dan hekk kif il-proġett ta' riċerka javvanza, sabiex maż-żmien il-kunsens ikun speċifiku kemm jista' jkun. Meta jagħmel dan, is-suġġett tad-*data* jkollu mill-inqas fehim bażiku tas-sitwazzjoni attwali, li jippermettilu jivvaluta jekk pereżempju jużax id-dritt li jirtira l-kunsens, skont l-Artikolu 7(3).<sup>74</sup>
161. Pjan ta' riċerka komprensiv li jkun disponibbli għas-suġġetti tad-*data*, biex iqisuh qabel jagħtu l-kunsens, jista' jgħin ukoll biex jikkompensa għan-nuqqas ta' speċifikazzjoni tal-fini.<sup>75</sup> Dan il-pjan ta' riċerka għandu jispeċifika l-mistoqsijiet ta' riċerka u l-metodi ta' ħidma previsti bl-aktar mod ċar. Il-pjan ta' riċerka jista' jikkontribwixxi wkoll għall-konformità mal-Artikolu 7(1), billi l-kontrolluri jridu juru

---

<sup>73</sup> Pereżempju, ara l-Premessa 156. L-ipproċessar tad-*data* personali għal fini xjentifiċi għandu jikkonforma wkoll ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra bħal dik dwar il-provi kliniċi, ara l-Premessa 156 li ssemmi r-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. Ara wkoll l-Opinjoni 15/2011 tal-WP.29 dwar id-definizzjoni tal-kunsens (WP 187), p. 7: *Barra minn hekk, il-ksib tal-kunsens ma jinnegax l-obbligi tal-kontrollur skont l-Artikolu 6 fir-rigward tal-ġustizzja, in-neċessità u l-proporzjonalità, kif ukoll il-kwalità tad-data. Pereżempju, anke jekk l-ipproċessar tad-data personali ikun ibbażat fuq il-kunsens tal-utent, dan ma jagħmilx leġittimu l-ġbir ta' data li jkun eċċessiv b'relazzjoni ma' fini speċifiku.* [...] *Bħala prinċipju, il-kunsens ma għandux jiġi interpretat bħala eżenzjoni mill-prinċipji l-oħra tal-protezzjoni tad-data, iżda bħala salvagwardja. Dan huwa prinċipalment bażi għal-legalità, u ma jirrinunzjax l-applikazzjoni ta' prinċipji oħra.*

<sup>74</sup> Jistgħu jkun rilevanti wkoll miżuri oħra ta' trasparenza. Meta l-kontrolluri jwettqu pproċessar tad-*data* għal finijiet xjentifiċi, filwaqt li ma tistax tingħata l-informazzjoni kollha mill-bidu, huma jistgħu jinnominaw persuna ta' kuntatt speċifika biex is-suġġetti tad-*data* jkun jistgħu jindirizzaw il-mistoqsijiet lilha.

<sup>75</sup> Possibbiltà bħal din tista' tinstab fl-Artikolu 14(1) tal-Att attwali tal-Finlandja dwar id-*Data* Personali (*Henkilötietolaki*, 523/1999).

liema informazzjoni kienet disponibbli għas-suġġetti tad-*data* fi żmien il-kunsens sabiex ikunu jistgħu juru li l-kunsens huwa validu.

162. Huwa importanti li jiġi mfakkar li fejn il-kunsens jintuża bħala l-bażi legali għall-ipproċessar, irid ikun hemm il-possibbiltà li suġġett tad-*data* jirtira dawk il-kunsens. L-EDPB josserva li l-irtirar tal-kunsens jista' jimmina tipi ta' riċerka xjentifika li jeħtieġu *data* li tista' tiġi marbuta ma' individwi, madankollu il-GDPR huwa ċar dwar il-fatt li l-kunsens jista' jiġi irtirat u li l-kontrolluri jridu jaġixxu fuq dan – ma hemm ebda eżenzjoni għal dan ir-rekwiżit għar-riċerka xjentifika. Jekk kontrollur jirċievi talba għall-irtirar, fil-prinċipju huwa jrid iħassar id-*data* personali mal-ewwel, jekk ikun jixtieq jibqa' juża d-*data* għall-fini tar-riċerka.<sup>76</sup>

### 7.3 Id-drittijiet tas-suġġett tad-*data*

163. Jekk attività tal-ipproċessar tad-*data* tkun ibbażata fuq il-kunsens ta' suġġett tad-*data*, dan jaffettwa d-drittijiet ta' dak l-individwu. Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jkollhom id-dritt għall-portabbiltà tad-*data* (Artikolu 20) meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens. Fl-istess ħin, id-dritt ta' oġġezzjoni (Artikolu 21) ma japplikax meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens, għalkemm id-dritt ta' rtirar tal-kunsens fi kwalunkwe ħin jista' jipprovdi eżitu simili.
164. L-Artikoli 16 sa 20 tal-GDPR jindikaw li (meta l-ipproċessar tad-*data* jkun ibbażat fuq il-kunsens) is-suġġetti tad-*data* għandhom id-dritt li jħassru d-*data* meta l-kunsens ikun ġie rtirat, kif ukoll id-drittijiet għal restrizzjoni, rettifika u aċċess.<sup>77</sup>

## 8 KUNSENS MIKSUB TAĦT ID-DIRETTIVA 95/46/KE

165. Kontrolluri li attwalment jipproċessaw *data* abbażi tal-kunsens, f'konformità mal-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data*, mhumiex awtomatikament meħtieġa jergġu jitolbu kunsens kompletament ġdid mingħand is-suġġetti tad-*data* bi tnejn għall-GDPR. Kunsens li nkiseb sa issa jkompli jkun validu sa fejn jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-GDPR.
166. Huwa importanti li qabel il-25 ta' Mejju 2018, il-kontrolluri jirvedu fid-dettall il-proċessi ta' ħidma u r-reġistri attwali biex jiżguraw li l-kunsens eżistenti jissodisfa l-istandard tal-GDPR (ara l-Premessa 171 tal-GDPR<sup>78</sup>). Fil-prattika, minflok sempliċment jerġa' jikseb mill-ġdid l-istqarrijiet ta' privatezza, il-GDPR

---

<sup>76</sup> Ara wkoll l-Opinjoni 5/2014 tal-WP.29 dwar "Tekniki ta' Anonimizzazzjoni" (WP.216).

<sup>77</sup> F'każijiet fejn ċerti attivitajiet ta' pproċessar tad-*data* huma ristretti f'konformità mal-Artikolu 18 tal-GDPR, jista' jkun meħtieġ il-kunsens tas-suġġett tad-*data* biex jiġu eliminati r-restrizzjonijiet.

<sup>78</sup> Il-Premessa 171 tal-GDPR tiddikjara: "Jenħtieġ li d-Direttiva 95/46/KE titħassar b'dan ir-Regolament. L-ipproċessar li diġà jkun qed isir fid-*data* tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun konformi ma' dan ir-Regolament fi żmien sentejn wara li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ. Fejn l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens skont id-Direttiva 95/46/KE, mhux meħtieġ li s-suġġett tad-*data* jagħti l-kunsens tiegħu mill-ġdid jekk il-mod li ngħata l-kunsens huwa f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, sabiex jippermetti lill-kontrollur ikompli tali pproċessar wara d-*data* tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ġew adottati u l-awtorizzazzjonijiet mill-awtoritajiet superviżorji bbażati fuq id-Direttiva 95/46/KE jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu emendati, sostitwiti jew imħassra."

jgħolli l-istandard fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' kunsens, u jintroduċi bosta rekwiżiti ġodda li jeħtieġu li l-kontrolluri jibdli l-mekkaniżmi ta' kunsens tagħhom.<sup>79</sup>

167. Pereżempju, billi l-GDPR jeħtieġ li kontrollur irid ikun jista' juri li nkiseb kunsens validu, il-kunsens preżunt kollu li ma tkunx inżammet referenza għalih jitqies awtomatikament bħala li ma jissodisfax l-istandard tal-GDPR għall-kunsens, u jkun irid jiġġedded. Bl-istess mod, billi l-GDPR jeħtieġ "dikjarazzjoni jew azzjoni affermattiva ċara", lanqas il-kunsens preżunt kollu li kien ibbażat fuq forma ta' azzjoni aktar implikata mis-suġġett tad-*data* (eż. kaxxa ta' inklużjoni fakultattiva mimlija minn qabel) ma jkun jissodisfa l-istandard tal-GDPR għall-kunsens.
168. Barra minn hekk, biex ikun jista' jiġi ddimostrat li l-kunsens ikun inkiseb jew biex ikunu jistgħu jsiru indikazzjonijiet aktar granulużi tax-xewqat tas-suġġett tad-*data*, tista' tkun meħtieġa reviżjoni tal-operazzjonijiet u tas-sistemi tal-IT. Barra minn hekk, iridu jkunu disponibbli mekkaniżmi biex is-suġġetti tad-*data* jirtiraw il-kunsens tagħhom faċilment u trid tiġi pprovduta informazzjoni dwar kif jista' jiġi rtirat il-kunsens. Jekk il-proċeduri eżistenti għall-ksib u l-ġestjoni tal-kunsens ma jissodisfawx l-istandards tal-GDPR, il-kontrolluri jkunu jridu jiksbu kunsens mill-ġdid li jkun jikkonforma mal-GDPR.
169. Min-naħa l-oħra, billi mhux l-elementi kollha msemmija fl-Artikoli 13 u 14 dejjem iridu jkunu preżenti bħala kundizzjoni għall-kunsens infurmat, l-obbligi ta' informazzjoni estiżi taħt il-GDPR mhux neċessarjament imorru kontra l-kontinwità tal-kunsens li jkun ingħata qabel il-GDPR jidħol fis-seħħ (ara l-paġna 15 hawn fuq). Taħt id-Direttiva 95/46/KE, ma kienx hemm rekwiżit li s-suġġetti tad-*data* jiġu infurmati dwar il-bażi li fuq l-ipproċessar kien qed jitwettaq.
170. Jekk kontrollur isib li l-kunsens li jkun inkiseb preċedentement taħt il-leġiżlazzjoni antika mhuwiex se jissodisfa l-istandard tal-GDPR għall-kunsens, allura dan irid jieħu azzjoni biex jikkonforma ma' dawn l-istandards, pereżempju billi jerġa' jitlob il-kunsens b'mod li jikkonforma mal-GDPR. Taħt il-GDPR, mhuwiex possibbli li taqleb bejn bażijiet legali. Jekk kontrollur ma jkunx jista' jġedded il-kunsens b'mod konformi u lanqas ma jkun jista' jagħmel it-tranżizzjoni għall-konformità mal-GDPR – bħala sitwazzjoni ta' darba – billi jibbaża l-ipproċessar tad-*data* fuq bażi legali differenti filwaqt li jiżgura li l-ipproċessar kontinwu jkun ġust u rrekordjat, allura jridu jitwaqqfu l-attivitajiet tal-ipproċessar. Fi kwalunkwe każ, il-kontrollur irid josserva l-prinċipji ta' pproċessar legali, ġust u trasparenti.

---

<sup>79</sup> Kif ġie indikat fl-introduzzjoni, il-GDPR jipprovdi kjarifika u speċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti għall-ksib u t-turija ta' kunsens validu. Hawn mir-rekwiżiti l-ġodda jkomplu jibnu fuq l-Opinjoni 15/2011 dwar il-kunsens.